# Insiru Komunità





# Insiru Komunità



Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2016.
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali.

© 2016 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

Kitba ta' Sr Alexandra Chircop, fcj
Koordinazzjoni: Rev. Dr Carl-Mario Sultana u Ms Mariosa Micallef
Disinn ta' Keith Pavia
Qari tal-Provi: Sur Robbie Mamo

Ħajr lil Rev. Dr René Camilleri, fiż-żmien li kien Delegat għall-Katekeżi meta beda dan il-proġett; Rev. Dr Carl M. Sultana, li fi żmienu bħala Delegat għall-Katekeżi qed jitkompla dan il-proġett; lil Fr Stefan Bonanno u t-tim tiegħu fil-Media Centre Ltd; il-Parroċċi li ħadu sehem fil-Proġett Pilota: Ħal Luqa, tas-Sliema (Stella Maris), St Michael's Foundation School (after school catechesis), l-Iklin, il-Mosta (Oratorju Marija Immakulata), il-Qawra u Ta' Xbiex. Ħajr ukoll lis-Soċjetà tad-Duttrina Kristjana, sessjoni bniet u subien talli ħadu sehem fil-Proġett Pilota u lit-tim tal-Adolexxenti tal-ħidma kollha matul dan il-proġett.
Is-siltiet mill-Bibbja ttiedu bil-permess tal-Għaqda Bibblika Maltija.

Nihil Obstat

Imprimatur

Stampat



Kemm jgħaddi malajr iż-żmien! Kemm qed nikbru malajr! U kemm hu veru dan. Ftit taż-żmien ilu konna tfal, u llum diġà kbirna u sirna kważi adolexxenti. F'kull età tal-ħajja huwa importanti li nibqgħu nitgħallmu, ħalli aktar kemm nikbru aktar inkunu kapaċi nagħmlu għażliet tajbin f'ħajjitna billi nagħmlu l-aħjar għażliet.

Issa li qed nikbru, ma'għadniex biss inkunu mal-familja tagħna, jew ma' dawk li jieħdu ħsiebna, imma qed ikollna ħafna ħbieb u nies oħra li flimkien magħhom nimxu l-mixja ta' ħajjitna. Xi ftit minn dawn il-ħbieb inkunu nafuhom sewwa, anki b'isimhom u dak li jħobbu. Imma hemm ukoll oħrajn li għalkemm narawhom, u forsi niltaqgħu magħhom meta mmorru l-knisja, jew f'postijiet oħra fejn niltaqgħu, xorta ma nkunux nafuhom sewwa. Dawn in-nies jagħmlu parti mill-komunità nisranija li aħna niffurmaw parti minnha. Aħna msejħin biex flimkien magħhom naqsmu l-ħajja nisranija tagħna.

Dan il-ktieb jgħinna biex flimkien, bħala grupp ta' nsara, Insiru Komunità li temmen u trid tgħix kif uriena Ġesù. L-awgurju tiegħi hu li dan il-ktieb jgħinkom biex flimkien insiru, inkunu u ngħixu bħala komunità nisranija li temmen u tgħix flimkien.

Rev Dr Carl-Mario Sultana
Delegat tal-Arċisqof għall-Katekeżi



Preżentazzjoni

Jalla dan il-ktieb jintuża mill-Katekisti bħala mezz ta' akkumpanjament kateketiku fil-mixja tagħhom mal-adolexxenti sabiex dawn jagħrfu japprezzaw aktar l-imħabba ta' Alla f'ħajjithom, jagħrfu japprezzaw il-kobor tad-dinjità tagħhom bħala wlied Alla u jagħrfu japprezzaw is-sbuħija u l-impenn Nisrani li aħna lkoll flimkien nagħmlu komunità waħda.

Jalla l-parti tal-Katekeżi fil-Familja tkun mezz u strument li bih l-familja tinġabar flimkien madwar il-Kelma ta' Alla sabiex kull membru jagħraf li Alla jħobbu u jixtieqlu l-ġid u hekk il-familja kollha tissaħaħ fil-fidi, fil-għaqda u fir-rispett reċiproku.

Nirringrazzja lil Alla tal-kobor tiegħu bla tarf u nirringrazzja lil kull persuna li b'xi mod jew ieħor kienet ta' għajnuna f'dan il-proġett kateketiku.

Sr Alexandra Chircop,
Ko-ordinatriċi ta' dan il-programm



# Werrej


**1. Niskopru ’l xulxin**

1.1 Insiru nafu ’l xulxin

1.2 Alla u l-ħolqien tiegħu

1.3 Ir-rigal tal-ħajja

1.4 Ir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna u lejn id-dinjità tal-oħrajn

**2. Il-Komunità Nisranija**

2.1 Niskopru l-komunità Nisranija

2.2 Ngħixu l-Magħmudija tagħna fil-komunità

2.3 Knisja Appostolika – komunità Appostolika

2.4 Knisja Kattolika – komunità Nisranija missjunarja

**3. Ngħixu fil-komunità**

3.1 Għażliet bis-sens; inħossni responsabbli

3.2 Gwida biex ngħixu aħjar: l-għaxar kmandamenti

3.3 Nifirħu flimkien: il-beatitudnijiet

3.4 Ix-xhieda tiegħi fil-komunità

**4. Il-komunità li titlob**

4.1 Mixja flimkien mas-Sena Lituġika

4.2 Nitlob f’postijiet differenti u f’okkażjonijiet differenti

4.3 Pożizzjonijiet differenti ta’ talb

4.4 Forom differenti ta’ talb

Appendiċi

Tagħrif dwar l-Avvent

Xi talb




# 1

# L-Ewwel Kapitlu
# Niskopru 'l xulxin



## L-Ewwel Tema

# Insiru nafu 'l xulxin

L-għan ta' din it-tema: insiru aktar familjari ma' realtà li Alla dejjem ried u għadu jrid jikkomunika magħna b'diversi modi u manjiera u dan għaliex, hu jrid li jkollu relazzjoni magħna sabiex jurina li jħobbna, u jixtiqilna l-ġid.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- Meta tnejn jixtiequ li jibdew relazzjoni ta' ħbiberija, dawn jibdew jikkomunikaw bejniethom. Aktar ma jikkomunikaw, aktar isiru jafu lil xulxin, aktar tikber ir-relazzjoni ta' bejniethom. Il-ħbieb bejniethom jużaw diversi modi u manjieri sabex jikkomunikaw.

- L-istess għamel Alla mal-bniedem. Sa mill-bidu tal-ħolqien tal-bniedem, huwa dejjem xtaq li **jikkomunika imħabbtu lejn il-bniedem billi jidħol f'relazzjoni mal-bniedem u l-bniedem miegħu.**

- Bħalma l-ħbieb jużaw diversi mezzi u okkażjonijiet sabiex jikkomunikaw bejniethom hekk ukoll Alla, matul is-snin uża diversi modi u manjieri sabiex jikkomunika l-messaġġi tiegħu magħna l-bnedmin.

**FTAKAR**

Il-kelma rivelazzjoni tfisser li Alla jikkomunika mal-bniedem sabiex jibni relazzjoni.

**L-affarijiet li Alla jixtieq jikkomunika (jirrivela) lill-bnedmin kollha, huma:**

- Li Alla jħobb lil kull bniedem,
- Li Alla jixtieq il-ġid lil kull bniedem,
- Li Alla jixtieq li kull bniedem ikun tajjeb għalih innifsu u għall-oħrajn, għalhekk jixtiequ li jagħmel għażliet tajbin,
- Li Alla, bagħtilna lil Ġesù sabiex isalvana u sabiex permezz ta' Ġesù naraw kemm Alla-Missier iħobbna tassew.



*Mezzi u manjieri differenti li Alla uża u għadu juża sabiex jikkomunikalna mħabbtu u jibni relazzjoni magħna. Dawn il-mezzi huma:*

## 1. Qabel ma twieled Ġesù



- **Il-ħolqien.** Alla wera imħabbtu u kemm jixtieq ġid lill-bniedem billi għamillu dinja sabiħa.



- **Tkellem direttament** ma' diversi nies fosthom: ma' Adam u Eva (Ġenesi kap 2 u 3), ma' Abraham (Ġenesi kap 12), ma' Mosé (Eżodu kap 3). Alla tkellem ma' bosta nies, inkluż, mal-adolexxent Samuel meta dan kien qiegħed jistrieħ.



- **Mal-profeti bħal:** Iżaija, Ġeremija, Daniel u oħrajn. Lil dawn u lill-oħrajn, huwa kellimhom f'qalbhom .
  Dawn il-profeti, **l-ewwel kellmu** lill-poplu u wasslulhom il-messaġġi, imbagħad, sabiex dawn il-messaġġi jibqgħu **kitbuhom**.



- **Ġrajjiet** bħal dik li nsibu fil-Ktieb tal-Eżodu – meta permezz ta' Mosé, il-Lhud ħarġu mill-Eġittu (Eżodu 12: 37-42). Ġrajja oħra hija meta l-Lhud ġew meħuda fl-Eżilju f'Babilonja u r-ritorn tagħhom minn hemm (ara 2 Slaten kap 24 u Esdra kap 1 u 2).

## 2. Meta twieled Ġesù
***Alla bagħat lil Ibnu Ġesù fostna.***

- Sa mit-twelid tiegħu u kemm dam jgħix, Ġesù dejjem urina kemm Alla jħobbna, kemm Alla jixtiqilna ġid. Dan għamlu permezz tat-tagħlim, tal-mirakli u tal-eżempju ta' ħajtu stess.

- Sabiex isalva lill-bnedmin kollha tad-dinja u biex jurina kemm tassew iħobbna, Ġesù bata, miet u qam mill-mewt. Dan kollu għamlu għalina lkoll, huwa għamlu għall-**bnedmin kollha tad-dinja**. Dan kollu nsibuh miktub fl-Evanġelju.

## 3. Fiż-żminijiet tal-lum

- **Fil-ħolqien**. Il ħolqien kollu huwa r-rigal għalina mingħand Alla. Il-ħolqien huwa d-dar tagħna lkoll. Permezz tal-ħolqien niskopru kemm Alla tassew iħobbna. Alla jixtieqna li nieħdu ħsiebu.



- **Fil-Bibbja.** Fil-Bibbja nsibu tagħlim għal ħajjitna kollha. Hija ktieb ta' formazzjoni li tgħinna ninbnew f'persuni b'karattru tajjeb kif jixtieqna Alla. Fil-Bibbja niskopru kif nistgħu nibnu u nsaħħu r-relazzjoni tagħna ma' Alla.

- **Fil-ġrajjiet li jiġrulna fil-ħajja tagħna ta' kuljum.** Kull ġurnata, jekk noqogħdu attenti, naraw li Alla jrid jgħallimna xi ħaġa, eż. jiġuna okkażjonijiet biex ngħinu lil xulxin, biex nirrispettaw lil min hu ikbar minna, biex naħfru lil xulxin, biex inħennu għal xulxin, biex nifirħu mal-oħrajn u biex inħossu ma' dawk li għaddejjin minn xi żmien diffiċli.

- **Fit-talb**. Kull ġurnata Alla jistedinna sabiex inkellmuh fit-talb tagħna, jiġifieri jistedinna sabiex niftħu qalbna miegħu, bħalma jagħmlu żewġt iħbieb li jitkellmu bejniethom u jgħidu kollox lil xulxin. Aktar ma niftħu qalbna m'Alla aktar insiru nafdawh.

- **Fil-Knisja.** Il-Knisja permezz tal-Papa, tal-Isqfijiet, tal-Qassisin u tal-Katekisti, u ta' persuni tajbin u ppreparati sew, tgħallimna nifhmu aħjar il-Bibbja, nifhmu aħjar l-imħabba ta' Alla għalina, nifhmu aħjar kif għandna nagħmlu għażliet tajbin fil-ħajja tagħna.



## Mill-Kelma ta’ Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** 1 Sam 3: 1-10

**Aħseb ftit:**

X’messaġġ taħseb, li jrid iwassallek Alla permezz tal-istorja ta’ Samuel?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa oqgħod attent/a għall-okkażjonijiet li jiġuk matul il-ġurnata: biex tgħin lil sħabek, biex tirrispetta lil min hu ikbar minnek u biex tieħu ħsieb il-ħolqien. Sib ħin biex taqra u tisma’ l -Kelma ta’ Alla speċjalment waqt il-quddiesa.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi: bħalissa min hu Alla għalik, xi ħadd li hu ...    Ikteb jew pinġi: x'tixtieq tgħid lil Alla.

## Naqraw flimkien fil-familja

Mill-Bibbja: mill-Ktieb tad-Dewt 6: 4 7
' Isma', O Iżrael Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu. Ħobb mela lill-Mulej Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha u b'saħħtek kollha . Żomm f'qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li qiegħed nagħtik illum. Tennihom lil uliedek, u tkellem fuqhom meta tkun f'darek....'

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Ġesù, għinna bħala familja, sabiex inkabbru r-relazzjoni tagħna miegħek, agħtina l-kuraġġ, li ngħinu lill-oħrajn, speċjalment fil-familja tagħna sabiex din ir-relazzjoni nżomuha ħajja, permezz tal-qari tal-Kelma tiegħek fil-Bibbja, permezz tat-talb personali u tat-talb flimkien. Ammen.



## It-Tieni Tema

# Alla u l-Ħolqien Tiegħu

L-għan ta' din it-tema: li nagħrfu li l-ħolqien inkluż il-bniedem, huwa frott l-imħabba ta' Alla. Li Alla jixtieqna li nieħdu ħsiebu b'ħafna responsabbiltà.



## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- L-ewwel ktieb tal-Bibbja jismu Ġenesi. Il-kittieb tal-ktieb tal-Ġenesi, uża simboli sabiex jgħinna nifhmu aħjar il-ġrajja tal-ħolqien li saret minn Alla.

- L-aktar ħaġa importanti li nsibu fl-ewwel kapitli tal-Ġenesi hija: li Alla ħalaq kollox inkluż lill-bniedem.

- Bil-kelma ħolqien nifhmu: l-ambjent u l-bniedem ukoll.

- It-tul taż-żmien kemm dam Alla joħloq id-dinja mhux importanti. L-aktar ħaġa importanti hi - li Alla ħalaq kollox.

**FTAKAR**

Il-kelma Ġenesi tfisser il-bidu, 'the beginnings'

- Fil-Bibbja nsibu li Alla ra li kollox huwa tajjeb ħafna.
  **Kulma għamel Alla huwa tajjeb ħafna.**
  (ara Ġen 1: 31).

- Il-ħolqien kollu huwa rigal ta' Alla għalina għaliex iħobbna ħafna.

- Ix-xewqa kbira ta' Alla hi - li jridna nieħdu ħsieb b'responsabbiltà kbira l-ħolqien kollu.

- Alla **ħalaq** il-ħolqien kollu, **il-ħajja kollha, kemm dak li jidher u anke dak li ma jidhirx, kollox huwa rigal ta' Alla.**

- **Alla huwa Kbir u Qawwi**, huwa ħalaq kollox bil-qawwa **tal-Kelma tiegħu.**
  "U Alla qal: Ħa jkun id-dawl." U d-dawl sar....
  Ġen 1: 3 ff

- Alla **jinsab kullimkien,** insibuh fil-ħolqien kollu.

- Lil Alla nsibuh preżenti kullimkien, ma hemm l-ebda post li nistgħu nistaħbew minnu.



- Alla huwa preżenti kullimkien, mhux biex joqgħod jgħasses fuqna ħalli jikkastigana jekk nagħmlu xi ħaġa ħażina, imma jagħmlu għaliex hu **jixtieq li jkun viċin tal-bniedem, ħalli l-bniedem qatt ma jħossu waħdu.**

- **Alla jaf kollox.** Huwa jaf il-passat, il-futur u l-preżent ta' kollox.

- Alla huwa **għaref ħafna,** wieħed mis-sinjali ta' dan huwa l-ħolqien. Huwa għamel kollox bil-ħsieb, ma għamel xejn bl-addoċċ jew b'kumbinazzjoni. Kollox għamel bl-għerf u bl-imħabba.

- Alla huwa **misteru**, jiġifieri li qatt m'aħna sa nifhmuh b'mod sħiħ. L-importanti huwa **li nemmnu li Alla jeżisti, li nemmnu li Alla jħobb lil kull persuna b'mod personali, li Alla jħobb lill-bnedmin kollha tad-dinja.**

- Alla la għandu bidu u lanqas tmiem. Huwa minn dejjem u jibqa' għal dejjem. La hu għal dejjem, l-imħabba tiegħu lejna hi għal dejjem ukoll, jiġifieri ma tispiċċa qatt.

- Alla ħalla lilna l-bnedmin **responsabbli** tal-ħolqien biex nieħdu ħsiebu sewwa u mhux infarrkuh. Alla ma jridnix infarrku dak li għamel hu b'tant imħabba.

- Niftakru li l-imħabba u r-responsabbilità ma jinfirdu qatt.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** Ġen 1: 31a

**Aħseb ftit:**

Meta taqra dan il-kliem tal-Bibbja mill-ktieb tal-Ġenesi x'tifhem ?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa fittex li tirringrazzja lil Alla tal-ħolqien kollu. Agħmel ħiltek li tieħu ħsieb il-ħolqien.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi talba ta' ringrazzjament għall-ħolqien kollu u ikteb/pinġi x'qed tagħmel biex turi li qed tħobb u tieħu ħsieb il-ħolqien kollu.

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-Bibbja mill-ktieb tas-Salmi: Salm 148**

Alleluja!
Faħħru l-Mulej mis-smewwiet,
faħħruh fl-ogħla smewwiet! … eċċ

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Nirringrazzjawk O Mulej tal-ħolqien kollu. Agħtina l-kuraġġ u l-għerf biex nieħdu ħsiebu kif tixtieqna int. 'Jiena nemmen f'Alla wieħed, il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx'. Grazzi Mulej talli tħobbna tassew.



# It-Tielet Tema
# Ir-Rigal tal-Ħajja

L-għanijiet ta' din it-tema: li niskopru r-rigal tal-ħajja li Alla ta lil kull bniedem u li niskopru l-għan li għalih hu maħluq il-bniedem.

## L-Ewwel Parti
## Ir-Rigal tal-Ħajja – Alla għamel il-bniedem xbieha tiegħu

**Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara**

- Meta Alla ħalaq lill-bniedem, huwa ħalqu differenti mill-kumplament tal-ħolqien. Ġen 1: 27: 'Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu, fuq xbihat Alla ħalqu,....'



- Alla huwa missierna daqskemm huma l-ġenituri tagħna. Għaliex? Għaliex aħna għandna ġisem u ruħ. Il-ġisem ġie mill-ġenituri tagħna, filwaqt li r-ruħ tahielna Alla.

- Il-ġisem bla ruħ huwa mejjet u r-ruħ bla ġisem hija spirtu u mhux bniedem. Il-ruħ ma tispiċċa qatt.

- Il-bniedem huwa komplut, huwa sħiħ, huwa ħaj tassew meta huwa ġisem u ruħ.

- Meta Alla ħalaq lill-bniedem huwa għamlu xbieha tiegħu. Niftakru li, Alla m'għandux ġisem, mela ħadd ma jista' jixbħu la f'wiċċu u lanqas f'ġismu, Alla huwa spirtu.

**Alla għamel lill-bniedem differenti mill-kumplament tal-kreazzjoni, għaliex lil bniedem Alla:**

- Tah ir-rigal tal-libertà – jiġifieri l-kapaċità li jagħżel it-tajjeb mill-ħażin.

- Tah il-kapaċità li jaħseb u li jirraġuna.

- Tah il-kapaċità li jidħol u jibni relazzjoni, jiġifieri li jibni u jżomm ħbiberija ma' Alla u ma' ħutu l-bnedmin.



- Tah il-kapaċità li jħobb u jkun maħbub.

- Tah il-kapaċità u r-responsabbiltà li jieħu ħsieb il-ħolqien kollu, dak li jidher u anke dak li ma jidhirx bl-għajnejn naturali, imma li nistgħu narawhom b'mezzi xjentifiċi bħal b'mikroskopju u/jew teleskopju.

- Tah il-kapaċità li jagħraf li Alla jħobbu, u tah ukoll il-kapaċità li jwieġeb għal din l-imħabba billi jħobbu lura, dan jista' jagħmlu b'diversi modi u manjieri; l-annimal ma jistax jagħmel dan.

- Flimkien ma' Alla, li huwa sid il-ħajja, frott relazzjoni bejn raġel u mara jistgħu jitwieldu bnedmin oħra.



- L-annimali jimxu bl-istint, eż l-annimali ma jidħlux f'relazzjoni ta' mħabba bħall-bniedem; l-annimali ma jikkomunikawx bħall-bniedem. Il-kumplament tal-ħolqien jimxi bl-istint naturali tiegħu u biċ-ċiklu tan-natura.

- Il-bniedem jimxi bir-raġuni – il-bniedem għandu moħħ li bih jista' jaħseb.

# It-Tieni Parti
# Ix-xewqa ta' Alla għal kull bniedem

### Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

Meta Alla ħalaq lill-bniedem ma ħalqux bl-adoċċ jew b'kumbinazzjoni.

Għalhekk Alla għandu xewqa kbira għal kull bniedem, għandu għan għal kull wieħed u waħda minna.

Bħal kull relazzjoni oħra bejn il-bnedmin, Alla jixtieq li kull wieħed u waħda minna: nagħrfuh, inħobbuh, naqduh, ingawduh.

- Nagħrfuh billi nidħlu f'relazzjoni miegħu speċjalment billi niddjalogaw miegħu fit-talb. Aktar ma nagħruh aktar nafdawh u għalhekk aktar insiru inħobbuh.
- Aktar ma nikbru fl-imħabba lejn Alla, aktar naqduh jiġifieri aktar ngħinu u nħennu għal xulxin filwaqt li nirrispettaw il-ħolqien kollu.
- Alla, għaliex iħobbna ħafna jixtieqna li wara din il-ħajja imorru ngawduh għal dejjem fil-ġenna.

**FTAKAR**

Alla jridna:

- nagħrfuh,
- inħobbuh,
- inservuh,
- ingawduh.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** **Mark 12: 29-31**

**Aħseb ftit:**

X'messaġġ taħseb irid iwassallek Ġesù b'dan il-kliem?

Kif tista' tgħix dan il-messaġġ fil-ħajja tiegħek ta' kuljum ?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa fittex fil-Bibbja u aqra biċċa mis-Salm 136 versi 1-4. Ukoll, ipprova kun persuna tajba ma' kulħadd, anke ma' dawk il-persuni li ma tantx għandek grazzja magħhom.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi kif tista' tħobb lil Alla u kif tista' taqdih speċjalment f'ħutek il-bnedmin.

## Naqraw flimkien bħala familja

### Mill-Bibbja: Salm 136: 1-9. Litanija ta' radd il-ħajr

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li firex l-art fuq l-ilmijiet,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Li għamel id-dwal il-kbar,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum,
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl
għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej, għinna sabiex bħala familja nkomplu ngħinu lil xulxin sabiex nikbru aktar fir- relazzjoni ta' ħbiberija miegħek, dan nitolbuh permezz ta' Ommna Marija, li għarfitek, ħabbitek, qdietek bis-sħiħ, u issa qiegħda tgawdik għal dejjem. Ammen.

## Ir-Raba' Tema

# Ir-Rispett lejn id-dinjità tal-persuna
# **u lejn id-dinjità tal-oħrajn**

L-għanijiet ta' din it-tema: li niskopru xi tfisser il-kelma dinjità u li niskopru xi tfisser fil-prattika li Alla ta din id-dinjità lil kull bniedem; u li kull bniedem għandu l-ewwel nett jieħu ħsieb id-dinjità tiegħu; kif ukoll, li niskopru li kull wieħed u waħda minna għandha d-dmir u r-responsabbiltà li tieħu ħsieb id-dinjità tal-oħrajn.

## L-Ewwel Parti
## Id-Dinjità tal-Persuna

**Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara**

Id-dinjità tal-persuna ġejja mill-fatt li kull wieħed u waħda minna hija maħluqa xbieha ta' Alla (Ġen 1: 26-27). Sabiex ngħożżu din id-dinjità li tana Alla stess irridu niftaku li kull bniedem:

- għandu jirrispetta lilu nnifsu l-ewwel, jekk irid li jiġi rrispettat,

**FTAKAR**

Il-kelma dinjità tfisser rispett lejn il-persuna tiegħek innifsek u lejn dik tal-oħrajn u dan għaliex aħna maħluqin xbieha ta' Alla.

- għandu jieħu ħsieb saħħtu. Meta nieħdu ħsieb saħħitna nkunu qed nieħdu ħsieb ħajjitna u d-dinjità tagħna li hija rigal ta' Alla,
- għandu jħobb lilu nnifsu billi jagħmel għażliet tajbin għall- ħajja tiegħu,
- għandu jkollu l-kuraġġ li meta jagħmel xi żball, jammetti li għamel dan u jipprova jirranġa,
- għandu jaħdem għall-ġustizzja miegħu nnifsu u mal-oħrajn,
- għandu jkompli jitgħallem dwaru nnifsu u jfittex li jkompli jeduka lilu nnifsu biex hekk isir bniedem aktar għaref u għaqli, u fl-istess waqt ikompli jitgħallem dwar Alla, għaliex aktar ma jagħraf lil Alla aktar jagħraf lilu nnifsu u jkun kapaċi jħobb lill-oħrajn,



- jekk xi ħadd jgħidilkom: jekk tħobbni tassew għandek tagħmel din il-ħaġa għalija. Sakemm tkun ħaġa tajba, tajjeb li ngħinu lil xulxin, imma meta ma tkunx ħaġa tajba, irridu naħsbuha sewwa, anzi m'għandniex nagħmluha.

- niftakru li min iħobbok tassew ma jagħmillekx kundizzjonijiet.

## It-Tieni Parti
## Nirrispettaw id-Dinjità tal-Oħrajn

**Biex nirrispettaw id-dinjità tal-oħrajn irridu nibnu karattru sod u tajjeb. Il-karattru jibda jinbena minn meta nkunu żgħar ħafna u nkomplu nibnuh matul ħajjitna.**

Fost il-ħafna affarijiet li jgħinuna nibnu l-karattru tagħna, hemm il-virtujiet kardinali li jissejħu wkoll il-virtujiet umani.



Il-virtujiet kardinali jissejħu l-virtujiet umani għaliex kull bniedem jista' jipprattikahom fil-ħajja tiegħu. Dawn il-virtujiet jissejħu kardinali, għaliex din il-kelma tfisser iċ-ċappetti tal-bieb. Bħalma bieb ma jistax jiffunzjona sew mingħajr iċ-ċappetti (hinges) lanqas il-bniedem ma jista' jgħix ħajja tajba mingħajr dawn il-virtujiet.

**Dawn il-virtujiet huma:**

- il-kuraġġ jew il-qawwa
- il-prudenza jew l-għaqal
- il-ġustizzja
- it-temperanza (self control).

**Niskopru dawn il-Virtujiet.**

- **Il-kuraġġ** huwa virtù importanti ħafna fil-ħajja tagħna u għandna bżonnu ħafna. Il-kuraġġ jgħinna ma naqtgħux qalbna, ma nibżgħux minn kull ħaġa jew minn kull sfida li tiġina.

- Fil-Bibbja nsibu bosta persuni kuraġġużi, fosthom iż-żagħżugħ Daniel.

- Insiru kuraġġużi billi nitolbu, billi nafdaw f'Alla u billi dejjem ngħidu l-verità.

- It-talb u l-kuraġġ imorru flimkien.



FTAKAR

Il-kelma virtù tfisser ħaġa tajba li titgħallimha minn dawk ta'madwarek speċjalment mill-eżempju t-tajjeb tagħhom, jew titgħallimha minn xi storja jew mill-Bibbja – il-Kelma ta' Alla. Din il-ħaġa tipprova tippratikaha fil-ħajja tiegħek kollha. Eż. is-sinċerità hija virtù u hija importanti li nipprattikawha tul ħajjitna kollha.

- It-tfal kuraġġużi mhumiex dawk li jgħajtu, li jssabbtu saqajhom u jdejhom fuq il-mejda, imma dawk li kemm jista' jkun jitkellmu bil-kalma, dawk li jgħidu l-verità fuqhom infushom u fuq l-oħrajn.

- Ħafna drabi l-kuraġġ u l-verità jmorru flimkien. Tajjeb li ngħidu l-verità bl-imħabba, u mhux b'xi ħsieb ieħor ġo rasna.

- Mill-għażliet tajbin li nagħmlu nuru kemm aħna persuni kuraġġużi, persuni li nirrispettaw id-dinjità tagħna u tal-oħrajn.

- Meta nkunu kuraġġużi fl-affarijiet it-tajba nkunu ammirati minn kulħadd.

- Ma nħawdux il-kuraġġ mal-prużuntzjoni. Xi ħadd prużuntuż, ifisser persuna li tkun trid tidher hi u ma tagħtix kas ta' ħaddieħor. Min jagħmel hekk ma jkunx qed jirrispetta la d-dinjità tiegħu u wisq inqas dik tal-oħrajn.

- **Il-ġustizzja** titlob li nkunu fair magħna nfusna u mal-oħrajn.

- Niftakru li l-inġustizzja mhix rispett. Min jagħmel xi inġustizzja ma jkunx qed jirrispetta d-dinjtà tiegħu wisq inqas dik tal-oħrajn.



- Meta nitolbu maħfra u naħfru lilna nfusna u lill-oħrajn nkunu qed nirrispettaw id-dinjità tagħna u dik tal-oħrajn ukoll.

- **L-għaqal jew il-prudenza** jgħinuna naħsbu b'rasna u b'qalbna wkoll. Inkunu għaqlin meta qabel ma nagħmlu l-għażliet tagħna naraw il-konsegwenzi ta' dik il-għażla u nħossuna responsabbli ta' dak li nagħmlu.

- **Il-kontroll fuqna nfusna** jitlobna li nikkontrollaw mhux biss kif u meta nitkellmu, imma li nikkontrollaw moħħna wkoll, għaliex xi kultant inħallu l-ħsieb jiġri bina u nagħmlu stejjer mix-xejn, li jistgħu jweġġgħu lilna u lil oħrajn ukoll.

- Li jkollna time-table ta' kif inqassmu l-ħin tagħna huwa importanti ħafna; dan huwa wieħed mill-modi ta' kif nikbru f'persuni maturi.

- Meta nħaddmu dawn l-erba' virtujiet inkunu qed nirrispettaw mhux biss id-dinjità tagħna imma wkoll dik tal-oħrajn.

**FTAKAR**

Il-Virtujiet Kardinali huma:

- il-kuraġġ/il-qawwa
- il-prudenza/għaqal
- il-ġustizzja
- it-temperanza (self control)



## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** **Mt 22: 36-40, il-Kmandament il-Kbir**

**Aħseb ftit:**

Xi sfidi joffrilek dan il-kliem ta' Ġesù li nsibu fl-Evanġelju ta' San Mattew?

X'messaġġ taħseb li jrid iwassallek San Pawl b'dan il-kliem?

Mit-tieni ittra ta' San Pawl lill-Timotju: 2 Tim 1:7

"għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta' rażan" (kontroll fuqna nfusna).

## Sfida

Matul il-ġimgħa li ġejja, jekk jiġuk xi okkażjonijiet sabiex tirrispetta lill oħrajn, fittex li ma titlifhomx.

Staqsi lilek innifsek: nixtieq li ħaddieħor jirrispettani?

Mela, fittex li tirrispetta inti stess lilek innifsek u rrispetta lill-oħrajn ukoll.



## Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi xi esperjenza li kellek fejn b'kuraġġ kbir urejt rispett u mħabba lejn l-oħrajn. Ikteb jew pinġi talba lil Ġesù sabiex jimliek bil-kuraġġ u b'ħafna mħabba lejn l-oħrajn.

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-Bibbja: mill-ewwel ittra ta' San Pawl lill-Korintin Kap 13: 1-3**

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej, għinna nimtlew bl-imħabba u bil-kuraġġ ħalli l-imħabba u r-rispett lejn xulxin bħala familja jkompli jikber. Dan nitolbuh flimkien ma' Ommna Marija li kienet mara kuraġġuża ħafna u taf tħobb ħafna. Ammen.



# 2 It-Tieni Kapitlu
# Il-Komunità Nisranija



L-Ewwel Tema

# Niskopru l-Komunità Nisranija

L-għan ta' din it-tema: li nsir aktar familjari mat-tifsira tal-kelma komunità, mal-impenn li għandha l-komunità lejn l-individwi u li niskopru l-mudell tal-komunità Nisranija.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

### 1. Il-komunità soċjali

### 1.1 Min xiex hi magħmula l-komunità?

- Il-komunità hija magħmula minn nies.
- Il-komunità ma nistgħux nixtruha, ma nistgħux nikruha, ma nistgħux nissellfuha, imma nistgħu nibnuha flimkien.
- Il-komunità hija inti u jiena, intom u jiena lkoll flimkien. Hekk kif nitwieldu nibdew nieħdu sehem mill-komunità. Aktar ma nikbru aktar insiru parti mill-komunità, billi nitgħallmu kif ngħixu fil-komunità u nitgħallmu d-doveri tagħna lejn il-komunità.
- Kull wieħed u waħda minna huwa/hija importanti għall-komunità u fil-komunità, għaliex ilkoll għandna x'noffru lill-komunità u x'nitgħallmu mill-komunità.



- Kull komunità hija magħmula minn persuni ta' karatterristiċi differenti: eż. minn iħobb l-isports, kant, żfin, arti, eċċ.



- F'kull komunità nsibu persuni b'missjoni differenti: min hu miżżewweġ, min hu single, min qiegħed f'relazzjoni, min għadu jistudja, min hu qassis jew soru jew patri, min hu armel jew armla.

- Kull persuna għandha t-talenti u l-kapaċitajiet tagħha. Fil-komunità għandna bżonn xulxin.

- Kull komunità għandha leader jew grupp ta' leaders.

- Kull komunità għandha set ta' valuri li lkoll jemmnu fihom u jippruvaw jgħixuhom kemm bħala individwi u kemm ilkoll flimkien.

### 1.2 Għaliex il-komunità hija importanti?

- Mingħajr komunità ma nistgħux ngħixu. Ilkoll għandna bżonn xulxin.



- Il-komunità hija l-post fejn għandna nħossuna aċċetatti aħna kif aħna, jekk aħna sinjuri jew le, jekk aħna twal jew qosra, imbaċċin jew irqaq, huma x'inhuma l-abilitatjiet tagħna, hu x'inhu l-kulur tagħna; fil-komunità għandna nħossuna aċċetatti.

- Huwa fid-dover tagħna bħala ċittadini, li nirrispettaw kull membru tal-komunità, li nirrispettaw lill-komunità kollha b'diversi modi sabiex issir aħjar.

### 1.3 X'jagħmel komunità tajba?

- Dak li jagħmel komunità tajba huma l-valuri tajbin li l-komunità tipprattika, dawn nitgħallmuhom minn xulxin bil-kliem, bil-kitba u fuq kollox bl-eżempji t-tajba li nagħtu lil xulxin.

- Fil-komunità nitgħallmu naċċettaw lil xulxin anke jekk l-opinjoni tagħna tkun differenti minn ta' xulxin.

- Fil-komunità Nisranija, nagħmlu dan kollu, imma nagħmluh skont ma jgħallimna Ġesù Kristu.



# 2. Il-Komunità ta' Nsara

## 2.1 Min hi l-komunità ta' Nsara ?

- Il-komunità ta' Nsara, hija komunità ta' fidi li temmen f'Ġesù Kristu.

- Il-komunità Nisranija hija l-Knisja.

- Il-Knisja mhix magħmula mill-ġebel, hija magħmula minnek u minni. Aħna nsiru parti mill-komunità Nisranija meta jgħammduna.

- L-ewwel komunità ta' Nsara ma kellhomx bini fejn jiltaqgħu, kienu jiltaqgħu fid-djar ta' xulxin, imma xorta kienu komunità, xorta kienu Knisja.

- Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli - il-ktieb li jirrakontalna dak kollu li għamlu l-appostli wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu, insibu li l-ewwel komunità ta' Nsara kellha dawn il-karatteristiċi:



FTAKAR

Komunità ta' Nsara: ir-ras tal-komunità huwa Ġesù Kristu,

- insiru parti mill-komunità ta' Nsara permezz tal-Magħmudija,
- matul ħajjitna kollha nitgħallmu nsiru membri tassew ta' din il-komunità,
- nitgħallmu nħobbha,
- nitgħallmu nitolbu għal xulxin u naħfru lil xuxlin,
- nitgħallmu nfittxu aktar dak li jgħaqqdna fit-tagħlim ta' Ġesù Kristu, minflok nieqfu fuq id-differenzi ta' bejnietna.

## 2.2 Il-karatteristiċi tal-Ewwel Komunità ta' Nsara fl-Atti tal-Appostli (kap 2)

i. kienu jitgħallmu flimkien dwar Ġesù Kristu,

ii. kienu jitolbu flimkien u kienu jersqu għat-tqarbin - jitqarbnu,

iii. kienu jinħabbu ħafna bejniethom,

iv. kienu jaqsmu kollox bejniethom – kienu jgħinu lil xulxin f'kollox,

v. kienu ġenerużi ma' xulxin,

vi. kienu jgħaddu ħin flimkien bħala ħbieb.

Aħna bħala membri tal-komunità ta' Nsara mhux biżżejjed li nitgħammdu imma hemm bżonn li flimkien bħala mgħammdin niskopru, nitgħallmu, ngħixu u nitolbu flimkien bħala komunità ta' Nsara.

Hemm bżonn li nħossuna persuni ħajja fil-komunità ta' Nsara billi:

- nitgħallmu l-elementi prinċipali ta' dak li jagħmilna komunità ta' Nsara,
- nitgħallmu kif inġibu ruħna fil-komunità u
- nitgħallmu x'għandna nagħmlu sabiex nikbru f'komunità ta' Nsara.

Fil-komunità Nisranija nitgħallmu nsiru Kristjani, u matul ħajjitna kollha nibqgħu nitgħallmu kif insiru komunità. Ma nistgħux ngħidu, issa għamilna l-Ewwel Tqarbina, jew ħadna s-Sagrament tal-Konfermazzjoni u daqshekk.

**2.3. Affarijiet importanti li għandna nitgħallmu sabiex inkomplu niskopru u nikbru f'komunità ta' Nsara**

i. nitgħallmu dwar Ġesù Kristu, insiru aktar familjari tat-tagħlim tiegħu u tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika,
ii. nitgħallmu nitolbu flimkien u għal xulxin,
iii. nitgħallmu nirrispettaw id-dinjità tagħna u d-dinjità tal-oħrajn u nużaw tajjeb il-libertà tagħna,
iv. nitgħallmu naħdmu flimkien, inħennu għal xulxin, u ngħinu lil xulxin,
v. nitgħallmu nfittxu aktar dak li jgħaqqadna milli dak li jifridna,
vi. nitgħallmu nfittxu t-tajjeb ta' xulxin, mhux ingergru fuq xulxin,
vii. nitgħallmu nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu, sabiex kulħadd igawdi dan ir-rigal sabiħ li tana Alla,
viii. nitgħallmu u nħobbu l-komunità ta' Nsara, niftakru li r-ras ta' din il-komunità - il-Knisja, huwa Ġesù Kristu.



# Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja: Atti tal-Appostli 2: 45-47**

**Aħseb ftit:**

X'messaġġ taħseb li rrid iwassalek dan il-kliem mill-Atti tal-Appostli?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa itlob għall-komunità fejn qed tgħix, itlob ukoll għall-komunità ta' Nsara. Fuq l-eżempju tal-ewwel komunità ta' Nsara, kompli uri mħabba, rispett u ħniena lejn kulħadd.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi dak li qed tagħmel, jew tixtieq tagħmel bħala adolexxent/a fil-komunità ta' Nsara sabiex il-komunità ssir aħjar.

## Naqraw flimkien fil-familja

Mill-Bibbja: Atti tal-Appostli 2: 43-47: Il-ħajja tal-ewwel dixxipli'. Waqa mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li kienu jsiru permezz tal-appostli. Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox bejniethom, ibigħu ġidhom u kull ma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skont il-ħtieġa ta' kull wieħed. U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja; u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.'

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Ġesù Kristu, nitolbuk bħala familja għinna sabiex nagħmlu ħilitna ħalli ngħixu tassew ta' Kristjani kif tixtieqna inti, ma' kulħadd anke ma' dawk li għandhom opinjoni, reliġjon, kultura u kulur differenti minn tagħna. Nitolbuk dan kollu permezz ta' Ommna Marija li kienet l-ewwel mara Kristjana. Ammen.



## It-Tieni Tema

# Ngħixu l-Magħmudija tagħna fil-Komunità

L-għan ta' din it-tema: li napprezzaw kif sirna membri tal-komunità ta' Nsara permezz tal-Magħmudija u xi tfisser ngħix ta' persuna mgħammda.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- Meta twelidna sirna parti mill-poplu ta' Alla għaliex Alla hu Missier kulħadd. Meta **għammduna** sirna Kristjani – persuni li nemmnu f'Ġesù Kristu u fit-tagħlim tiegħu.
- Insiru Kristjani permezz tal-Magħmudija.



- Aħna nitgħammdu f'isem it-Trinità Qaddisa, jiġifieri fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
- Bil-Magħmudija, Ġesù Kristu, permezz tal-Knisja, jilqagħna bħala membri ġodda f'din il-familja kbira Kristjana.
- Bil-Magħmudija aħna sirna aħwa ta' Ġesù Kristu, u aħwa mal-Kristjani l-oħra kollha li jinsabu fid-dinja kollha.
- Fil-Magħmudija, nirċievu l-Ispirtu Santu, huwa jimliena bil-grazzji tiegħu, jimliena b'ħafna imħabba u jgħinna nifhmu, sabiex bil-mod il-mod, nibdew nitgħallmu kif insiru Kristjani u ngħixu ta' Kristjani.

- La ġejna mgħammda fil-Knisja Kattolika, sirna Kattoliċi, immela aħna fid-dmir li nirrispettaw l-awtorità u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Permezz tal-Magħmudija li hija l-ewwel sagrament, nistgħu nibdew nipparteċipaw fis-sagramenti l-oħra kollha.

- La aħna lkoll aħwa f'Ġesù Kristu, immela għandna d-dmir u r-responsabbiltà li nitolbu għalina nfusna u nitolbu għal ħutna l-bnedmin kollha.

- Għandna wkoll ir-responsabbiltà li nitolbu flimkien mal-oħrajn speċjalment fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd.



Il-Magħmudija rridu nippruvaw ngħixuha kuljum u kullimkien. Dan nagħmluh billi nitgħallmu dawk l-affarijiet li nemmnu fihom – bħal Kredu; li nitgħallmu dawk l-affarijiet li bħala Nsara għandna nipprattikaw (il-prattiċi) u nitgħallmu l-attitudnijiet li bħala Nsara jgħinuna ngħixu ta' Kristjani tassew.

**FTAKAR**

Attitudni tfisser: il-mod ta' kif taħseb u l-mod ta' kif iġġib ruħħek, dan kollu jinfluwenza l-mod ta' kif tgħix ħajtek. Meta xi ħadd ikollu attitudni tajba, nindunaw li l-imġiba tiegħu tkun tajba.

- Meta nippruvaw ngħixu dan kollu nkunu qed ngħixu tassew il-Magħmudija tagħna fil-komunità.

**Fl-Kredu, li huwa l-istqarrija tagħna ta' fidi, insibu dak kollu li aħna nemmnu fih bħala Kristjani.**

Dan il-Kredu ngħidulu Liturġiku għaliex il-Kristjani kollha, huma fejn huma madwar id-dinja jgħiduh fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd u fil-festi l-kbar tal-Knisja.

**Dan jinstab f'paġni 16-17 tal-ktieb Jiena magħkom**



**L-attitudnijiet tagħna bħala Insara adattati għall-età tagħkom bħala adolexxenti. Dawn huma:**

- Li nfittxu t-tajjeb f'kull bniedem. Kulħadd għandu xi ħaġa tajba fih;
- Li nifhmu li lkoll għandna bżonn l-għajnuna ta' Alla;
- Nifhmu li għandna bżonn nersqu għall-qrar biex nitolbu maħfra lil Alla, u hekk nerġgħu nġeddu l-ħbiberija tagħna miegħu u ma' ħutna l-bnedmin;
- Li nirrispettaw il-ħolqien kollu u nieħdu ħsiebu.



**Il-prattiċi tagħna l-Kristjani**, li aħna bħala membri tal-komunità ta' Nsara aħna fid-dmir li nkunu nafuhom u ngħixuhom:

- Li nħobbu lil xulxin bil-verità; li nitolbu għal xulxin u flimkien;
- Li ngħixu l-Għaxar Kmandamenti;
- Li nippruvaw ngħixu mill-aħjar li nistgħu l-Beatitudnijiet;
- Li naħfru lil min jagħmlilna xi ħaġa ħażina;
- Li nipprattikaw il-karità ma' kulħadd speċjalment mal-foqra.



- Li nirrispettaw id-dinjità ta' kull persuna, minkejja r-reliġjon, il-kulur, ir-razza u l-kultura tiegħu/ tagħha. Aħna lkoll familja waħda;
- Li niċċelebraw is-sagramenti;
- Li niċċelebraw flimkien l-Ewkaristija speċjalment fil-quddiesa tal-Ħadd;
- Li niċċelebraw flimkien billi mmorru l-Knisja, fil-festi tagħna l-Kristjani li huma: il-Milied, Ħamis ix-Xirka, il-Ġimgħa l-Kbira u l-akbar festa l-Għid;
- Li nirrispettaw, inqimu u nitolbu lil Ommna Marija, li hi omm Ġesù;
- Li nagħmlu għażliet tajbin għall-ġid tagħna nfusna u tal-oħrajn;
- Li nirrispettaw, nitolbu u nitgħallmu dwar il-qaddisin, għaliex dawn għandhom ħafna x'jgħallmuna għall-ħajja tagħna ta' kuljum.



## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** ittra ta' San Pawl lil Galatin: kap 3:27

'Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.'

**Aħseb ftit:**

X'messaġġ taħseb, li jrid iwassallek San Pawl b'dan il-kliem?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa pprova għix il-Magħmudija tiegħek billi tfittex it-tajjeb fl-oħrajn.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb id-data ta' meta ġejt mgħammed/mgħammda. Kull xahar ipprova ftakarha u rringrazzja lil Alla għal dan ir-rigal hekk kbir. Ikteb jew pinġi talba ta' ringrazzjament lil Alla ta' dan ir-rigal hekk kbir.

**Mill-Bibbja: mill-ittra ta' San Pawl lill-Efesini kap 4: 4-64**

' Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda, Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda, Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd u f'kulħadd.'

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej għinna ngħixu l-Magħmudija li bil-grazzja tiegħek irċevejna, u għinna ngħinu lill-membri tal-familja tagħna jgħixu l-Magħmudija tagħhom fil-Knisja u permezz tal-Knisja. Ammen.



## It-Tielet Tema

# Knisja Appostolika - Komunità Appostolika

L-għan ta' din it-tema: li nitgħallmu xi jfissru l-kelmiet dixxiplu u appostlu, u nitgħallmu kif nistgħu ngħixuhom fil-ħajja tagħna sabiex nibnu komunità appostolika.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

### 1. Id-dixxiplu

- Ġesù kellu ħafna dixxipli – nies li kienu jemmnu fih; li kienu jimxu warajh; li kienu jitgħallmu mingħandu.
- Aktar ma d-dixxiplu jitgħallem, aktar ikun jista' jgħallem lil ħaddieħor.



**FTAKAR**

Il-kelma dixxiplu tfisser: xi ħadd li jkun jemmen f'xi ħadd, jitgħallem dwaru/dwarha u jibda jimxi fuq t-tagħlim u l-eżempju tiegħu /tagħha. Il-kelma appostlu tfisser xi ħadd magħżul u mibgħut sabiex jagħmel biċċa xogħol.

## 2. L-appostlu

- Ġesù għażel lill-appostli, sabiex ikomplu ix-xogħol tiegħu, jiġifieri l-missjoni tiegħu. Għalhekk huwa bagħathom ixandru l-Bxara t-Tajba fid-dinja kollha, din kienet il-missjoni tagħhom.

- L-appostli kienu komunità ta' tnax. Dawn kienu: Pietru, Indrija, Ġakbu, Ġwanni (dawn it-tnejn kienu aħwa, ulied Żebedew), Filippu, Bartilmew, Tumas, Mattew, Ġakbu iben Alfew, Taddew, Xmun u Ġuda l-Iskarjota. Aktar tard, flok Ġuda, ġie magħżul Mattia.

- Ġesù għażel lil Xmun li mbagħad bidillu ismu għall-Pietru, sabiex ikun il-kap tal-appostli. Ġesù huwa l-fundatur, ir-ras tal-Knisja. Billi Ġesù bena l-Knisja fuq l-appostli, immela, Pietru, la kien il-kap tal-appostli, kien ukoll l-ewwel kap tal-Knisja, jiġifieri kien l-ewwel Papa.

- Fl-Evanġelju ta' San Mattew 28: 16-20 naraw lil Ġesù jibgħat lill-appostli fid-dinja kollha sabiex bħala Knisja – bħala komunità Kristjana, jwasslu l-messaġġ ta' Ġesù.

- Wara l-inżul tal-Ispirtu Santu, meta l-appostli fehmu aħjar it-tagħlim u l-missjoni ta' Ġesù huma bdew imorru minn post għal ieħor jgħallmu dak kollu li Ġesù kien għallimhom.

  F'kull post li kienu jmorru kienu jwaqqfu komunitajiet ta' Kristjani (Insara) magħmulin minn nies li jixtiequ jemmnu f'Ġesù u li jixtiequ jkomplu jimxu fuq it-tagħlim ta' Ġesù.

- L-isqof huwa l-kap tal-Knisja tal-post. Bħalissa l-Arċisqof ta' Malta huwa Mons. Charles J. Scicluna.



**3. Il-Knisja hija Appostolika – il-komunità Appostolika**

- Il-Knisja hija appostolika għaliex hija mibnija fuq l-appostli.

- Il-Knisja hija appostolika għaliex twassal it-tagħlim tal-appostli.

- Aħna lkoll bil-Magħmudija, għandna wkoll din il-missjoni bħall-appostli li mmorru fid-dinja kollha nxandru l-Bxara t-Tajba tal-Mulej. Mela aħna lkoll għandna d-dmir li naħdmu sabiex nibnu komunità appostolika.

- Biex inkunu appostli ta' Ġesù, l-ewwel irridu nkunu nafu lil Ġesù, irid ikollna relazzjoni ma' Ġesù. B'dan il-mod insiru dixxipli tiegħu.

- Insiru dixxipli ta' Ġesù meta: nitgħallmu dwaru minn persuni kompetenti, meta naqraw dwaru minn kotba tajbin, meta naqraw il-Bibbja u nfittxu persuni kompetenti biex ifissruhielna, meta nitolbu, meta mmorru l-Knisja nisimgħu dwar Ġesù, meta nersqu għas-Sagramenti speċjalment għall-Qrar u għat-Tqarbin.

- Bħala Kristjani, matul ħajjitna aħna msejħin minn Ġesù sabiex inkunu dixxipli u appostli tiegħu billi nwassluh lill-oħrajn, bil-kliem u bil mod ta' kif ngħix il-ħajja tagħna.

- Inkunu komunità appostolika meta nippruvaw inwasslu lil Ġesù lill-oħrajn bil-kliem u bil-mod ta' kif ngħixu ma' kulħadd.

- Fil-ħajja tagħna ta' kuljum, nistgħu nkunu appostli ta' Ġesù meta ngħidu l-verità u mhux noħolqu stejjer bla bżonn, meta nkunu twajba ma' kulħadd, meta ma nivvintawx laqmijiet fuq xulxin, meta nkunu fair u onesti ma' kulħadd. Meta jkun hemm xi ħadd li ma jifhimx il-lezzjoni jew il-homework, m'għandniex noqogħdu nxandruh ma' kulħadd imma nippruvaw ngħinuh, meta nagħmlu karità ma' xi ħadd, mhux bil-fors bil-flus, imma billi ngħaddu ftit ħin ma' dik il persuna, bħal per eżempju meta naqraw lil xi ħadd li jkun anzjan, jew li jkollu xi diffikultà biex jaqra, meta nagħmlu dan inkunu appostli wkoll.

- Hemm ħafna modi kif nistgħu nkunu appostli ta' Ġesù, bħal per eżempju meta nitkellmu u nilagħbu ma' dawk li jħossuhom imwarrbin, meta nitolbu għal xulxin, meta naqsmu minn dak li għandna aħna mal-oħrajn, meta naċċettaw lill-oħrajn anke dawk li huma ta' kultura, kulur u reliġjon differenti minn tagħna. Ġesù kien iħobb lil kulħadd u hekk jixtieqna li aħna nagħmlu bħalu ukoll.

- Meta naqsmu t-talenti tagħna u l-ħiliet tagħna mal-oħrajn inkunu appostli għal xulxin; meta nagħmlu dan inkunu qed nibnu komunità.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-Evanġelju ta' San Mattew kap 25: 14-30

Il-Parabbola tat-Talenti

**Aħseb ftit:**

- X'messaġġ taħseb, li jrid iwassallek Ġesù permezz tal-parabbola tat-talenti?
- Kif qed tuża u tista' tuża t-talenti tiegħek għall-ġid tal-oħrajn?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa ftakar: kieku Ġesù kien hawn, kif jixtieqni li nwassal il-messaġġ tiegħu lill-oħrajn bil-kliem (fejn hu possibbli), imma aktar bl-imġiba tiegħi? Ġesù kif jixtieqni li nkun appostlu mal-oħrajn?



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi kif matul din il-ġimgħa kont appostlu ta' Ġesù mal-oħrajn.

## Naqraw flimkien fil-familja

### Mill-Evanġelju ta' San Mattew kap 5:13-16

'Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba. Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt il-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar. Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet.'

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Gesù nitolbuk agħtina l-kuraġġ u l-għajnuna tiegħek, sabiex bħala familja nkunu dixxipli tiegħek u ma naqtgħu qalbna qatt li nkunu appostli tiegħek ukoll. Ammen.



## Ir-Raba' Tema

# Il-Knisja Kattolika – Komunità Nisranija Missjunarja

L-għan ta' din it-tema: li nifhmu t-tifsira tal-kelma 'kattolika', li nifhmu li, li nkunu kattoliċi jfisser li nkunu missjunarji ma' kulħadd.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

### 1. Il-Knisja Kattolika - Il-komunità Kattolika

- Minkejja li nkunu ġejjin minn postijiet differenti madwar id-dinja, minkejja li nitkellmu lingwi differenti, minkejja li nitolbu b'modi differenti, aħna lkoll magħqudin flimkien f'Ġesù Kristu, ilkoll aħna membri tal-Knisja Kattolika.

- Minkejja li ninsabu mxerrdin mad-dinja kollha, bħala Kattoliċi aħna lkoll:
  - għandna fidi waħda – ilkoll nemmnu f'Ġesù Kristu;
  - ilkoll nistqarru Kredu wieħed;
  - għandna l-istess Magħmudija;
  - ilkoll niċċelebraw is-seba' sagramenti;
  - flimkien mal-Isqifijiet tagħna aħna ilkoll magħqudin mal-Papa, hekk ilkoll flimkien nagħmlu Knisja waħda.

**FTAKAR**

Il-kelma Kattolika tfisser: Universali. Il-Knisja Kattolika hija mxerrda madwar id-dinja kollha. Hija taħdem u tilqa' lil kulħadd, nies minn kull kulur, kultura u reliġjon.

- Aħna ilkoll għandna missjoni waħda: li bħala Nsara nħobbu lil xulxin u li nxandru u ngħixu t-tagħlim u l-messaġġ ta' Ġesù Kristu ma' kulħadd.



## 2. Knisja Kattolika: Komunità ta' Nsara Missjunarji.

- Il-Knisja Kattolika hija miftuħa għall-bnedmin kollha, hu x'inhu l-kulur, ir-razza, il-kultura, il-lingwa; għalhekk il-Knisja Kattolika hija Missjunarja.

- Meta rċevjna l-Magħmudija, kull wieħed u waħda minna, irċevejna l-istedina mingħand Ġesù li nkunu missjunarji. Aktar ma nikbru aktar nifhmu din l-istedina.

- Biex nkunu missjunarji m'hemmx għalfejn immorru barra minn pajjiżna, nistgħu nkunu missjunarji f'pajjiżna stess, ma' sħabna stess. Dan nistgħu nagħmluh billi nħobbu, inħennu, u naqsmu mal-oħrajn dak li għandna.

- Biex nkunu missjunarji tassew irridu niftakru fil-kliem li Ġesù stess qalilna fl-Evanġelju: San Mark 12:3:'Ħobb lil għajrek (il-proxxmu tiegħek) bħalek nnifsek'.

**FTAKAR**

Il-kelma missjunarju tfisser: xi ħadd li jxandar bil-kliem u bl-eżempju lil Ġesù f'pajjiżu u barra minn pajjiżu.

**Hemm diversi modi kif nistgħu nkunu missjunarji:**

- nistgħu nagħtu ftit ħin minn tagħna sabiex nisimgħu, ngħinu, nilagħbu ma' xi ħadd;
- nistgħu mmorru nżuru lill-anzjani;
- nistgħu nitkellmu tajjeb fuq xulxin, ;
- nistgħu ngħinu fil-proġetti ta' karità li jsiru f'pajjiżna u fil-missjonijiet barra minn Malta;
- nistgħu nitolbu għall-missjunarji kollha, sabiex Ġesù jkompli jieħu ħsiebhom.



## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-Evanġelju ta' San Mattew kap 28: 16-20

**Aħseb ftit:**

Meta taqra dan il-kliem ta' Ġesù, x'messaġġ u xi sfida tħossu jrid iwassalek?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa pprova kun missjunarju/a ma' dawk ta' madwarek.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi xi ħaġa dwar kif ħassejtek meta ppruvajt tkun missjunarju/a ma' dawk ta' madwarek, jew ma' dawk li jinsabu 'l bogħod minn pajjiżna. Ikteb jew pinġi talba għall-bżonnijiet tal-missjunarji kollha.

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-Bibbja: mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesini, kap 4: 11-13**

'U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: hekk jitrawwmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu, sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien ta l-Iben ta' Alla; nsiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu.'

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej Ġesù għinna sabiex bħala familja nwieġbu għas-sejħa tagħna li nkunu missjunarji billi nħallu lil qalbna tkun miftuħa għall-bnedmin kollha, huma min huma. Nitolbu wkoll għall-bżonnijiet tal-missjunarji li jinsabu madwar id-dinja, ħu ħsiebhom Ġesù u berikhom, nitolbu dan permezz ta' Ommna Marija li hija Omm il-Knisja. Ammen.



# 3 It-Tielet Kapitlu
## Ngħixu fil-Komunità



# L-Ewwel Tema

# Għażliet bis-Sens – Inħossni Responsabbli

Il-għan ta' din it-tema: li nitgħallmu kif għandna nagħmlu għażla tajba u li nħossuna responsabbli ta' dak li nagħżlu.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

### 1. Il-Libertà, l-Għażliet u r-Responsabbiltà

### 1.1. Il-Libertà

- Alla ħalaqna liberi, jiġifieri Alla tana r-rigal li nagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħna aħna stess.
- Li nkunu liberi ma jfissirx li naqbdu u nagħmlu li rridu.
- Li nkunu liberi jfisser li nkunu kapaċi nagħmlu għażliet u nieħdu deċiżjonijiet li jkunu tajbin għalina nfusna u għall-oħrajn.
- F'kull għażla jew deċiżjoni li nagħmlu dejjem b'xi mod jew ieħor sa naffettwaw lill-oħrajn. Ma nistgħux naħsbu għalina nfusna biss.



**FTAKAR**

Li nkunu liberi jfisser li nistgħu nagħżlu t-tajjeb mill-ħażin; ifisser ukoll li nistgħu nagħmlu deċiżjonijiet kemm żgħar u kemm kbar fil-ħajja tagħna.

- Aħna l-Insara rridu niftakru wkoll li fl-għażliet u fid-deċiżjonijiet li nagħmlu għandna nirrispettaw lil Alla u l-liġi tiegħu, nirrispettaw ukoll it-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Il-kelma libertinaġġ tfisser, meta ma nużawx tajjeb il-libertà li tana Alla.

- Aktar ma nużaw tajjeb il-libertà b'ħafna għaqal u mħabba, aktar nagħmlu ġid madwarna, aktar inħossuna fil-paċi u aktar ikun hemm paċi madwarna.

- Meta nużaw sewwa l-libertà tagħna, ir-rispett lejna nfusna jikber u jikber ukoll ir-rispett tal-oħrajn lejna.

**1.2. Għażliet**

- Matul il-ġurnata nagħmlu ħafna għażliet bħal: nagħżlu x'nilbsu, nagħżlu x'mużika nisimgħu, u ħafna għażliet oħra.



- Kemm fil-għażliet u kif ukoll fid-deċiżjonjiet li nagħmlu hemm bżonn li nużaw kemm moħħna kif ukoll qalbna u ma ninsewx it-tagħlim ta' Ġesù, u dak tal-Knisja.

- Jekk nagħmlu l-għażliet fuq il-feelings ta' qalbna biss, ħafna drabi niżbaljaw għaliex il-feelings jinbiddlu. Jekk nużaw moħħna biss niżbaljaw ukoll, għaliex aħna m'aħniex moħħ biss, għandna bżonn li nħossu għalina nfusna u għal ta' madwarna. Għalhekk hemm bżonn ta' bilanċ bejn il-moħħ u l-qalb.

- Xi kultant jiġrilna li nagħmlu xi għażla jew deċiżjoni ħażina, m'għandniex naqtgħu qalbna, nammettu li għamilna dak l-iżball u nkomplu bil-ħajja tagħna. L-importanti hu li nitgħallmu minn dik l-esperjenza, li nitgħallmu minn dawk il-konsegwenzi.

**1.3 Inkunu Persuni Responsabbli**

- M'għandniex nagħżlu jew nieħdu deċiżjonijiet bl-għaġla, dan mhux tajjeb, min jgħaġġel wisq, malajr jiżbalja, min-naħa l-oħra lanqas m'għandna dejjem inħallu għall-għada u ma nagħżlu jew niddeċiedu qatt.

- Min dejjem iħalli għall-għada, biex jagħmel l-għażliet u d-deċiżjonijiet, dan il-bniedem juri li mhux persuna responsabbli.



- Qabel ma nagħmlu xi għażla /deċiżjoni importanti tajjeb li nħarsu lejn il-konsegwenzi li jistgħu jiġru. Kemm konsegwenzi fuqna nfusna u kemm fuq dawk ta' madwarna.

## 2. Għajnuniet biex nagħmlu għażliet tajbin

Meta nkunu sa nagħmlu xi għażla importanti hemm bżonn li niftakru f'dawn il-punti li ġejjin:

1. Inkunu kalmi – fil-għaġla jistgħu jsiru ħafna żbalji. Qatt m'għandna nagħmlu għażliet/deċiżjonijiet importanti f'ħajjitna meta nkunu inkwetati.

2. Nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jgħinna.

3. Infittxu persuni kompetenti u li jixtiqulna ġid u nitolbuhom jagħtuna parir. Aħseb sewwa dwar il-parir li jagħtuk. Jekk tarah tajjeb żommu u imxi fuqu.



4. Qabel xi għażla jew deċiżjoni tajjeb li nagħmlu dan l-eżerċizzju qasir, imma importanti ħafna. Biex nagħmlu dan l-eżerċiżżju għandna bżonn ta' lapes u karta.

Naqbdu karta daqs paġna ta' pitazz u naqsmuha fi tliet kolonni:

- Fuq nett tal-karta niktbu l-isem tal-għażla/ deċiżjoni li nixtiequ nieħdu,

- fl-ewwel kolonna niktbu vantaġġi ta' dik il-għażla/deċiżjoni li kieku neħduha,

- fit-tieni kolonna niktbu l-iżvantaġġi li jista' jkun hemm jekk nagħmlu dik il-għażla/deċiżjoni,

- fit-tielet kolonna niktbu l-konsegwenzi li jistgħu jiġru jekk nagħmlu dik l-għażla/deċiżjoni.

Wara li niktbu dan kollu, nitwu l-karta u nħalluha għal ftit ġranet, mill-inqas jumejn. Sadanittant inkomplu nitolbu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu. Wara dawn il-ġranet, naraw jekk hemmx xi ħaġa li nixtiequ nbiddlu minn dak li nkunu ktibna. Nistudjaw kollox bil-għaqal. Meta tasal il-ġurnata u l-mument u naraw li l-għażla/deċiżjoni hija tajba għalina u anke għall-oħrajn, bl-akbar libertà nagħmlu dik il-għażla u/jew nieħdu dik id-deċiżjoni.

5. Wara dan kollu nkunu lesti li nagħmlu l-għażliet tagħna u nieħdu responsabbiltà tal-konsegwenzi li jistgħu jiġru.

6. Minn kull għażla li nagħmlu, jew deċiżjoni li nieħdu dejjem nitgħallmu xi ħaġa għall-ħajja, anke mill-istess żbalji li nagħmlu nistgħu nitgħallmu ħafna.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-ktieb tal-Proverbji kap 4:13-14

'Żomm mat-tagħlim, u tħallih qatt, ħarsu sewwa, għax hu ħajtek. Taqbadx il-mogħdija tal-ħżiena, timxix fit-triq ta' min jagħmel id-deni.'

**Aħseb ftit:**

X'messaġġ taħseb li jrid iwassallek Alla permezz ta' dan il-kliem li nsibuh fil-ktieb tal-Proverbji?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa erġa' aqra sewwa fejn hemm miktub: Għajnuniet biex nagħmlu għażliet tajbin. Ipprova uża dan it-tagħlim u dan l-eżerċizzju meta jkollok bżonn tagħmel xi għażla importanti ħafna. Għid talba lil Ġesù sabiex jgħinek tagħmel għażla tajba.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi kif tħossok meta jkollok bżonn tagħmel xi għażla importanti. Ikteb jew pinġi kif ħassejtek wara li għamilt dik il-għażla.

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-Ittra lil-Lhud kap 10: 22b-24**

'Ejjew nersqu b'qalb sinċiera u b'fidi sħiħa, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina u l-ġisem tagħna maħsul b'ilma safi. Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda. Naraw kif nistgħu nħajru lil xulxin għall-imħabba u għal għemil tajjeb.'

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Spirtu Santu, grazzi talli qiegħed dejjem magħna, għinna sabiex nagħmlu l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħna bil-għaqal, għall-glorja tiegħek, għall-ġid tagħna nfusna u tal-oħrajn speċjalment tal-familja tagħna. Ammen.



# It-Tieni Tema

# Gwida biex Ngħixu Aħjar: L-Għaxar Kmandamenti

L-għan ta' din it-tema: li nsiru aktar midħla mal-liġijiet li Alla ta lilna l-bnedmin - il-kmandamenti, tahomlna għaliex iħobbna u jixtiqilna l-ġid. Dawn il-liġijiet huma ta' gwida sabiex ngħixu aħjar kemm fir-rispett tagħna lejn Alla, kemm magħna nfusna, kif ukoll mal-oħrajn.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

### 1. L-Għaxar Kmandamenti huma għall-ġid tagħna stess



Il-Għaxar Kmandamenti, Alla tahom lil Mosè sabiex jgħaddihom lill-poplu Lhudi u lil popli kollha li jemmnu f'Alla. Huma għaxar kelmiet – għaxar liġijiet mogħtija lilna minn Alla sabiex juruna kif għandhom ikunu l-azzjonijiet tagħna jekk tassew irridu ngħixu ta' persuni b'dinjità ta' wlied Alla. Dawn l-għaxar kelmiet, jew frażijiet, minkejja li jidhru negattivi, fil-fatt huma pożittivi ħafna, għaliex min jirrispettahom u jwettaqhom, jikseb f'ħajtu relazzjoni tajba ma' Alla, ferħ, paċi u rispett lejh innifsu u lejn l-oħrajn.

**FTAKAR**

Kelma oħra li tfisser l-Għaxar Kmandamenti hija Dekalogu – jiġifieri għaxar kelmiet.

- Alla tana dawn il-kmandamenti bħala rigal, għax iħobbna.
- Alla tahomlna għax jinteressah minna l-bnedmin.
- Alla jixtiqilna l-ġid.
- Alla tahomlna għaliex jixtieq li l-azzjonijiet tagħna bejnietna jkunu jixirqu lid-dinjità tagħna ta' bnedmin maħluqin minn Alla li lilu jixraqlu kull rispett.

Il-kmandamenti ma jnaqqsulniex il-libertà, anzi jżiduhielna għaliex joffrulna għajnuna, u direzzjoni fl-għażliet li nagħmlu.

**2. It-Tqassim tal-Għaxar kmandamenti**

- L-ewwel żewġ kmandamenti għandhom x'jaqsmu direttament ma' Alla.

- It-tielet kmandament joffrilna l-isfida li aħna bħala komunità neħtieġu lil Alla, lil xulxin, għalhekk hemm ġurnata fil-ġimgħa, għalina l-Insara huwa l-Jum tal-Ħadd, f'dan il-jum għandna niltaqgħu flimkien mal-komunità ta' Nsara għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, għandna nistrieħu mill-ħidma ta' matul il-ġimgħa, ukoll għandu jkollna aktar ħin biex ingawdu lill-ħbieb u lill-għeżież tagħna.



- Ir-raba' kmandament ifakkarna li wara Alla jiġu dawk li tawna l-ħajja naturali u dawk li jrabbuna, dawn il-persuni jistħoqqilhom rispett, u min-naħa l-oħra huma jiftakru wkoll li r-rispett għandu jkun reċiproku, jiġifieri lejn uliedhom, lejn dawk li qed irabbu.

- Mill-ħames sal-għaxar kmandament huma gwida li juruna x'għandna nevitaw u fl-istess ħin x'għandna nagħmlu tajjeb biex ngħixu ħajja xierqa kemm magħna nfusna u kemm ma' ħutna l-bnedmin kollha.

**3. Il-Kmandamenti huma:**

**Jiena hu Alla Sidek**

1. Ma jkollokx Alla ieħor għajri
2. La ssemmix l-isem ta' Alla fil-batal
3. Ħares il-Ħdud u l-festi
4. Irrispetta lil ommok u lil missierek
5. La toqtolx
6. Ta tiżnix
7. La tisraqx
8. La tixhidx ħaġa b'oħra
9. La tixtieqx nisa tal-oħrajn
10. La tixtieqx ħwejjeġ tal-oħrajn



## Mill-Kelma ta' Alla

Infittxu fil-Bibbja: **mill-ktieb tad-Dewteronomju 5: 6-21**

Aħseb ftit:

Meta taqra dan il-kliem tal-Mulej mill-Bibbja, x'messaġġ taħseb li Alla jixtieq iwassallek?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa ftakar dan it-tagħlim dwar il-kmandamenti u aqra wkoll dan il-kliem meħud mill-Bibbja, mill-ktieb tal-Proverbji: ' Ibni tinsiex it-tagħlim tiegħi, iżda żomm f'qalbek il-kmandamenti tiegħi.'



## Djarju

Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi wieħed mill-kmandamenti li bħalissa qed tarah ħafna importanti f'ħajtek u għaliex qed ikun daqshekk importanti.

## Naqraw flimkien fil-familja

**Mill-Bibbja: mill-ktieb tas-salmi, Salm 15 (14)**

Interessanti li fil-Bibbja, hemm Salm li l-Lhud iqisuh bħala d-dekalogu liturġiku, fil-fatt huma għaxar kelmiet li bihom il-Lhud jagħmlu l-mistoqsija lill-Mulej u l-qassisin (kienu jissejħu Leviti) iweġbuhom b'għaxar kelmiet. Dan is-Salm jissejjaħ id-dekalogu liturġiku.

**Salm 15 (14)**
Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?

Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, min jgħid is-sewwa f'qalbu; min ma jqassasx bi lsienu, ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru;

min ma jistmax lill-bniedem ħażin, imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej; min iwiegħed u jżomm kelmtu;

min jislef u ma jitlobx imgħax, u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija. Min jagħmel dan qatt ma jitħarrek.

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej għinna bħala familja napprezzaw aktar il-liġi tiegħek fil-kmandmenti, għinna ħalli ngħixuha mill-aħjar li nistgħu għall-glorja tiegħek, għall-ġid tagħna stess u tal-proxxmu tagħna kollu. Ammen.

## It-Tielet Tema

# Nifirħu flimkien: il-Beatitudnijiet

L-għan ta' din it-tema: li nsiru aktar familjari mar-realtà li l-għajxien tal-beatitudnijiet iġib paċi u ferħ kemm għalina personali kif ukoll fil-komunità kollha.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- Fl-Evanġelju, Ġesù tana mudell ta' kif bħala Nsara nistgħu nkunu ferħanin, imberkin u ngħixu fil-paċi minkejja l-isfidi li niltaqgħu magħhom.



- Jekk nimxu ma' dan il-program ta' Ġesù tassew ikollna l-ferħ veru li ma jispiċċa qatt.

**FTAKAR**

Ġesù tana l-beatitudnijiet, dawn huma speċi ta' mappa, jew programm għan-Nisrani sabiex hu u l-oħrajn jgħixu fil-paċi, fil-ferħ u fil-hena.

Il-beatitudnijiet huma sfida, imma meta nippruvaw ngħixuhom sewwa, il-ferħ li nħossu fina u madwarna ħadd ma jista' jeħodulna.

- Kull beatitudni tibda bil-kelma:'henjin' (beati tfisser henjin). Dan ifisser li min jipprova jimxi fuq dan il-programm ta' Ġesù jsir persuna ferħana, jgħiex hieni mal-oħrajn u jgħin lill-oħrajn jgħixu henjin.

- Henjin il-foqra fl-Ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

- Henjin l-imnikkta għax huma jkunu mfarrġa.

- Henjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom b'wirt l-art.

- Henjin ta' qalbhom ħelwa għax huma jkollhom Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.

- Henjin dawk li jħennu għax huma jsibu ħniena.

- Henjin dawk li huma safja f'qalbhom għax huma jaraw lil Alla.

- Henjin dawk li jġibu l-paċi għaliex huma jissejħu wlied Alla.

- Henjin intom meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija, ifirħu u thennew għax ħlaskom kbir fis-smewwiet.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-ktieb tas-Salmi: 25: 4-5

'Triqatek Mulej għarrafni, il-mogħdijiet tiegħek għallimni.'

**Aħseb ftit:**

Meta taqra dan il-kliem mis-Salm 25, xi tkun qed titolbu lill- Mulej?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa, erġa' aqra sew dawn il-beatitudnijiet. Fittex dak li l-aktar jinteressak u ibda ara kif sa tgħixu, tipprattikah aħjar, miegħek innifsek u mal-oħrajn.



## Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi wieħed mill-beatitudnijiet li tana Ġesù. Ikteb jew pinġi għaliex dik il-beatitudni partikulari togħġbok u x'tgħallimt minnha meta pprattikajtha.

(Tista' tikteb jew tpinġi dwar aktar minn beatitudni waħda).

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-Bibbja: mill-Evanġelju ta' San Mattew 5: 3-10**

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej għinna bħala familja, ngħixu l-programm tiegħek fil-beatitudnijiet, ġurnata b'ġurnata. Berikna Mulej Ġesù, u għinna sabiex bħala familja qatt ma naqtgħu qalbna quddiem l-isfidi li jiġuna sabiex ngħixu ta' Nsara tassew kif tixtieqna inti. Ammen.



## Ir-Raba' Tema

# Ix-Xhieda Tiegħi fil-Komunità

L-għan ta' din it-tema: li nagħrfu l-ħtieġa li bħala Kristjani għandna nagħtu xhieda ta' dak li nemmnu fih: il-ħniena mal-proxxmu speċjalment mal-fqar hija pedament qawwi tal-identità tagħna bħala Kristjani.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- L-imħabba ta' bejnietna hija l-qofol tal-ħajja tagħna bħala Kristjani.



- Importanti li nagħtu karità, imma l-akbar rigal li nistgħu nagħtu hija l-imħabba ta' ġo qalbna. Il-karità li nagħmlu, huma opri ta' mħabba, u jnisslu fina ħafna paċi.

- Mhux kemm nagħtu u x'nagħtu, jew x'nagħmlu għall-oħrajn jgħodd, imma l-attitudni li biha nagħmlu dan. Ftit li xejn ikun jiswa jekk nagħmlu ħafna karità u dan ma nagħmluhx b'rispett lejn id-dinjità tal-persuna.

- Il-kliem tal-Evanġelju ta' San Mattew (kap 25: 31-46) huwa t-test tan-Nisrani, jiġifieri, meta kull wieħed u waħda minna mmutu, Ġesù sa jiġġudikana fuq l-imħabba, huwa sa jistaqsina kemm konna nħobbu tassew lill-proxxmu tagħna meta konna ħajjin. Sa jistaqsina kemm għamilna karità, kemm ħennejna mill-qalb mal-proxxmu KOLLU tagħna.

- Il-Knisja Kattolika, sabiex tgħinna nifhmu u npoġġu aktar fil-prattika l-kliem ta' Ġesù dwar l-imħabba u l-karità lejn il-proxxmu tagħna, tatna Seba' Opri tal-Ħniena li jmissu lill-Ġisem u Seba' Opri tal-Ħniena li jmissu lir-Ruħ.

**L-Opri tal-Ħniena li jmissu lill-Ġisem huma:**

- Itma' lil min hu bil-ġuħ
- Isqi lil min hu bil-għatx
- Libbes lill-għarwien
- Ilqa' lil min hu bla dar
- Żur il-morda
- Żur il-ħabsin
- Idfen lill-mejtin









# Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-Evanġelju ta' San Mattew, kap 25: 31-46

Aħseb ftit:

Dan il-kliem mill-Evanġelju ta' San Mattew se jkun parti mit-test tagħna biex nidħlu l-ġenna. X'taħseb dwar dan?

# Sfida

Matul din il-ġimgħa erġa' aqra dawn l-Opri tal-Ħniena u pprova pprattika wieħed jew aktar minnhom.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi kif ipprattikajt xi wieħed jew aktar minn dawn l-opri tal-ħniena. Ikteb jew pinġi kif ħassejtek meta għamilt dan.

**Naqraw flimkien fil-familja**

**Mill-ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesini: kap 4:32**

'Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.'

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej Ġesù Kristu, nirringrazzjawk ta' dak kollu li pprovdejtilna, għinna u fakkarna sabiex noħorġu mill-egoiżmu tagħna u nħennu għal kulħadd, għaliex kulħadd huwa l-proxxmu tagħna. Ammen.



# 4 Ir-Raba' Kapitlu
# Il-Komunità li Titlob



L-Ewwel Tema

# Mixja flimkien mas-Sena Liturġika

L-għan ta' din it-tema: li nsiru familjari mas-sena liturġika tal-Knisja: mat-tifsira u s-sinifikat tagħha fil-ħajja tagħna bħala Nsara kemm fuq livell personali u kif ukoll dak komunitarju, għaliex is-sena liturġika tgħinna nifhmu xi jfisser komunità li titlob flimkien.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- Is-sena fiha: erba' staġuni, tnax-il xahar, tnejn u ħamsin ġimgħa, u 365 ġurnata. Dawn jinkludu: vaganzi eż: vaganzi tal-Milied, Festi Pubbliċi eż: il-Festa ta' San Pawl (10 ta' Frar), il-Festa ta' San Ġużepp (19 ta' Marzu), Sette Giugno (7 ta' Ġunju), Santa Marija (15 ta' Awwissu), Festi Nazzjonali: Jum il-Ħelsien (31 ta' Marzu), Jum l-Indipendenza (21 ta' Settembru), Ommna Marija tal-Vittorja (8 ta' Settembru), Jum ir-Repubblika (13 ta' Diċembru). It-tqassim ta' dan kollu nsibuh fil-kalendarju, li joħroġ kull sena. Is-sena tibda fl-1 ta' Jannar u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru.

- Il-Knisja wkoll għandha s-sena tagħha. Din tissejjaħ is-Sena Liturġika. F'din is-sena liturġika nsibu staġuni speċjali bħal: l-Avvent, il-Milied, ir-Randan, it-Tliet Ijiem Imqaddsa tal-Għid, l-Għid il-Kbir u ż-Żmien Ordinarju.



- Il-Knisja wkoll għandha l-kalendarju tagħha. Is-sena lituġika tal-Knisja tibda fl-ewwel Ħadd tal-Avvent u tispiċċa bil-festa ta' Kristu Re lejn l-aħħar ta' Novembru.

- Il-liturġija hija t-talba uffiċjali tal-Knisja. Meta nisimgħu l-kelma liturġija din tfisser azzjoni – talb flimkien – li jsir mill-komunità ta' Nsara flimkien mal-Knisja kollha madwar id-dinja.

- Fil-liturġija kulħadd jista' jieħu sehem. Fil-Knisja, Ġesù qiegħed hemm għal kulħadd – aħna familja waħda – Alla huwa Missier kulħadd.

- L-għan tas-sena liturġika huwa li niċċelebraw flimkien il-ħajja u l-misteri ta' Ġesù Kristu – nibdew mill-Inkarnazzjoni u t-twelid, it-Tlett Ijiem Imqaddsa tal-Għid li fihom niċċelebraw, Ħamis ix-Xirka, il-passjoni, (it-tbatija) ta' Ġesù, il-mewt tiegħu – Il-Ġimgħa l-Kbira, is-Sibt filgħodu – jum is-silenzju, nistennew il-qawmien tiegħu mill-mewt u l-festa l-kbira tal-l-qawmien tiegħu – l-Għid il-Kbir, sat-tlugħ tiegħu fis-sema (Lapsi) u l-festa ta' Pentekoste.

## FTAKAR

Il- liturġija hija t-talba uffiċjali tal-Knisja. Meta nisimgħu l-kelma liturġija din tfisser: azzjoni – talb flimkien – li jsir mill-komunità ta' Nsara flimkien mal-Knisja kollha sew jekk ikunu f'Malta u sew barra minn Malta.

- Fil-kalendarju tas-sena liturġika nsibu l-qari li naqraw waqt il-quddiesa ta' kuljum u l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, fih insibu wkoll il-festi li niċċelebraw matul is-sena, insibu wkoll il-kulur li jilbes il-qassis waqt il-liturġija.

- Il-kulur vjola jintlibbes fl-Avvent u fir-Randan; l-abjad jintlibbes fil-Milied, f'Ħamis ix-Xirka u fl-Għid u l-aħdar jintlibes matul iż-Żmien Ordinarju – iż-żmien ta' matul is-sena.

- Il-Qari tal-Kelma ta' Alla fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd, huwa mqassam fuq tliet snin (Ċiklu ta' Tliet Snin): Sena A – li fiha naqraw  prinċipaljament mill-Evanġelju ta' San Mattew; is-Sena B – li fiha naqraw l-aktar mill-Evanġelju ta' San Mark u s-Sena Ċ li naqraw l-aktar mill- Evanġelju ta' San Luqa. L-Evanġelju ta' San Ġwann naqrawh matul is-sena speċjalment matul l-Għid.



## 1. It-Tqassim tal-Istaġuni tas-Sena Liturġika

**L-Avvent:** Fl-avvent ngħaddu mill-esperjenza tax-xewqa, fejn nistennew it-twelid ta' Ġesù.

**Il-Milied:** Nibdew l-esperjenza tal-iskoperta ta' Ġesù – meta Ġesù beda l-ħajja tiegħu bħala bniedem fostna; mill-Milied 'il quddiem nibdew niskopru lill-Ġesù, it-tagħlim u l-missjoni tiegħu.

**Ir-Randan:** Huwa żmien li fih ngħaddu mill-esperjenza tal-maħfra u tal-ħniena u tal-karità.

**L-Għid:** Ngħaddu mill-esperjenza tal-qawmien flimkien ma' Ġesù, u permezz ta' Ġesù.

**Żmien Ordinarju:** Ngħaddu mill- esperejnza tal-vjaġġ matul il-ħajja kollha ta' Ġesù: it-tagħlim tiegħu, il-mirakli, il-parabboli tiegħu...eċċ



**Infittxu fil-Bibbja: mill-Ktieb tas-Salmi, Salm 23.**

**Aħseb ftit:**

Meta taqra dan is-salm kif tħossok?

X'taħseb li hu l-messaġġ li jagħtina dan is-salm?

## Sfida

Nhar il-Ħadd mur il-quddies u oqgħod attent/a għall-qari tal-Evanġelju.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi l-Evanġelju tal-Quddiesa tal-Ħadd ta' qabel, u ikteb jew pinġi dak li tgħallimt minnu, li jista' jgħodd għal ħajtek.

## Naqraw flimkien fil-familja

### Mill-Evanġelju ta' San Mark, kap 16: 1-8

'Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom. U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar. U bdew jgħidu lil xulxin: "Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?" Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna. Daħlu fil-qabar, u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu. Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, m'huwiex hawn. Araw il-post fejn kienu qegħduh. Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu, u lil Pietru, li hu sejjer fil-Galilija qabilkom; tarawh hemm hekk, kif kien qalilkom." U huma ħarġu 'l barra u tbiegħdu b'ġirja waħda mill-qabar, għax kellhom rogħda fuqhom u baqgħu mbellħin bil-biża'. U ma qalu xejn lil ħadd, għax beżgħu.'

## Nitolbu flimkien bħala familja

Mulej Ġesù Kristu, grazzi li għall-imħabba tagħna u sabiex issalvana, inti batejt, u miet għalina. Grazzi li sabiex isaħħaħ il-fidi tagħna fik, inti qomt mill-mewt, għinna sabiex inkomplu nissaħħu fil-fidi tagħna, sabiex qatt ma naqtgħu qalbna, sabiex dejjem niftakru li inti l-uniku Salvatur tagħna, rebbieħ anke fuq il-mewt.
Ammen. Alleluja!

# It-Tieni Tema
# Nitlob f'postijiet differenti u f'okkażjonijiet differenti

L-għan ta' din it-tema: li nsiru aktar familjari mar-realtà li nistgħu nitolbu f'diversi postijiet u f'diversi okkażjonijiet matul il-ġurnata.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara



- It-talb huwa li tisma' u titkellem ma' Alla. Fit-talb nistgħu nitkellmu ma' Alla u ngħidulu KOLLOX- dak kollu li għandna ġo qalbna: dak li jferraħna, dak li jdejjaqna, dak li nixtiequ, dak li nibżgħu minnu, il-pjanijiet kollha li għandna ġo moħħna u ġo qalbna.
- L-importanti hu li meta nitolbu wara li niftħu qalbna beraħ miegħu, ngħidulu: issa nħallu kollox f'idejk – inti biss taf x'inhu l-aħjar għalija. Meta nagħmlu hekk inkunu qed nuru fiduċja kbira f'Alla.
- Alla dejjem jixtiqilna l-ġid, huwa dejjem sa jagħtina dak kollu li hu tajjeb għalina fil-ħin li għandna bżonnu.

**FTAKAR**

It-talb huwa diskursata ma' Alla, huwa djalogu ma' Alla.

- Xi kultant tisma' nies jgħidu: tlabt imma ma qlajtx dak li xtaqt. Niftakru li Alla jara 'l bogħod aktar minna, għalhekk jekk tlabna u ma qlajniex, sinjal li dik il-ħaġa jew mhix tajba għalina jew għadu ż-żmien għaliha. L-importanti hu li nibqgħu nitolbu u nibqgħu nafdaw f'Alla, li nibqgħu nemmnu li Alla jixtiqilna l-ġid.



- L-Evanġelji jgħidulna li Ġesù meta kien fostna kien dejjem jitlob. Insibuh jitlob f'postijiet u okkażjonijiet differenti. Ġesù kien dejjem *in a prayer mode.*

- Ġesù talab f'ħajtu, f'mewtu u wara li qam mill-mewt.

- Il-ħbieb veru, jieħdu gost jitkellmu u jiftħu qalbhom ma' xulxin. Meta nkunu qed nitolbu nkunu qed niftħu qalbna mal-akbar ħabib: Ġesù ... li titlob ifisser li TĦOBB u TAFDA.

- Niftakru li l-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd , hija wkoll talba mal-komunità, għalhekk m'għandienx noqogħodu b'ħalqna magħluq, imma għandna nitlobu u nwieġbu mal-komunità.

**1. Insemmu ftit mill-okkażjonijiet u l-postijiet fejn nafu li Ġesù talab.**

**1.1 Ġesù talab f'postijiet u okkażjonijiet differenti. Inġibu ftit eżempji:**

- fuq muntanja waħdu u mbagħad beda dieħel il-lejl: Mt 14: 23
- fuq muntanja: Mt 4: 8, ix-xitan jittanta lil Ġesù
- fil-beraħ, fil-pubbliku: Ġw 11: 41-42
- fil-beraħ qabel ma fejjaq lit-trux u mutu: Mk 7: 31-37
- f'post maqtugħ minn-nies, mar waħdu jitlob, wara li fejjaq lil xi ħadd: Lq 5: 16
- fil-beraħ tal-kampanja qabel ma tema' l-5000 ruħ: Mt 14: 19.
- fil-beraħ, fil-pubbliku, qabel ma qajjem lil Lażżru: Ġw 11: 41-42
- fil-beraħ: għat-tfal: Mk 10: 13-16



**1.2 Ġesù talab għalih innifsu u għall-oħrajn u mal-oħrajn:**

- għalih nnifsu biex jagħmel ir-rieda ta' Alla: Mt 26: 36-44
- għalih innifsu u għad-dixxipli tiegħu u għal dawk kollha li jemmnu: Ġw 17: 1-26
- fl-Aħħar Ċena: Mk 14: 22-23
- meta kien qed imut fuq is-salib: Lq 23-46
- meta qam mill-mewt, qabel ma kiel mal-appostli: Lq 24: 30.

**1.3 Talab matul il-ġurnata:**

- filgħodu qabel ma' mar il-Galilea: Mk 1: 35-36,
- qabel l-ikel: Mt 26: 26, Lq 24:30
- matul il-lejl qabel ma ħa deċiżjonijiet importanti-l-għażla tal-appostli: Lq 6: 12-13.



## 2. Postijiet u okkażjonijiet fejn aħna nistgħu nitolbu



- Id-dar
- L-iskola
- Fiċ-Ċentri tal-Katekeżi
- F'xi kappella tal-adorazzjoni
- Fil-Knisja
- Fil-beraħ tal-kampanja



# Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** mill-Evanġelju ta' San Mattew, kap 18: 20

'Fejn hemm tnejn jew tlieta miġbura f'ismi, hemm jiena fosthom.'

Aħseb ftit:

X'messaġġ taħseb li jrid iwassallek Ġesù b'dan il-kliem?

# Sfida

Matul din il-ġimgħa sib ħin biex titlob waħdek. Ipprova ma tistenniex sa nhar il-Ħadd biex iżur lil Ġesù fil-knisja jew f'xi kappella. Meta tmur il-quddies, agħmel ħiltek biex tipparteċipa bis-sħiħ, iftaħ ħalqek u itlob mal-komunità.



## Djarju

Fid- Djarju tiegħek iftaħ qalbek ma' Ġesù, itolbu li trid, għidlu li trid u x'tixtieq. Jekk tħossok komdu/a, ikteb jew pinġi din id-diskursata, din it-talba tiegħek lil Ġesù.

# Katekeżi Familja

**Mill-Evanġelju ta' San Mark, kap 11: 24-25**

'Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrefa' u nxteħet il-baħar', bla ma joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur. Għalhekk ngħidilkom: kul ma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom. U meta tkunu weqfin titolbu, jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom.'

**Nitolbu flimkien bħala familja**

Mulej Ġesù Kristu, bħala familja nirringrazzjawk ta' kollox, nitolbuk ħu ħsiebna u għinna nibqgħu ngħixu ta' Nsara tassew kif tixtieqna int. Ammen.

(Il-familja li titlob flimkien, tibqa' flimkien. Madre Tereża ta' Kalcutta.



# It-Tielet Tema

# Pożizzjonijiet differenti fit-talb

L-għan ta' din it-tema: li napprezzaw aktar is-simboliżmu tal-ġesti li jsiru waqt it-talb, partikularment waqt il-Liturġija Ewkaristika: il-quddiesa.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- Fil-Knisja Kattolika nsibu ħafna minn dawn is- simboli li għandhom ħafna tifsiriet, partikularment fil-ġesti li nagħmlu waqt it-talb liturġiku, l-aktar waqt il-quddiesa.

- Fil-liturġija speċjalment waqt il-quddiesa nitolbu b'ġisimna wkoll, permezz ta' pożizzjonijiet differenti, li kollha għandhom tifsira importanti.

**1. Noqogħdu bilwieqfa**

- Li noqogħdu bilwieqfa waqt il-quddiesa huwa sinjal ta' rispett.



- Il-qassis jirrapreżenta lil Ġesù Kristu; għalhekk inqumu bilwieqfa bħala ġest ta' rispett lejn Ġesù Kristu. Inqumu bilwieqfa meta s-saċerdot ikun dieħel biex jibda ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa u meta jkun ħiereġ – fit-tmiem tal- quddiesa.

- Noqogħdu bilwieqfa waqt il-qari tal-Evanġelju bħala sinjal ta' rispett lejn il-qari li jirrakonta l-ħajja u l-għemejjel ta' Ġesù Kristu.

- Noqogħdu bilwieqfa meta ngħidu l-Kredu – l-istqarrija tal-fidi tagħna u meta ngħidu t-talba tal-Missierna.

**2. Noqogħdu bilqiegħda**

- Li noqogħdu bilqiegħda hija pożizzjoni li fiha nistgħu nisimgħu, nistgħu noqogħdu aktar attenti, u nistgħu naħsbu (nirriflettu) aħjar.



**FTAKAR**

Il-kelma simbolu tfisser: meta jkollok xi ħaġa li tfisser diversi affarijiet għall-persuni differenti, eż. ċurkett: l-istess ċurkett għal xi persuni jista' jfisser tifkira ta' rigal f'okkażjoni partikulari, għall-oħrajn jista' jfisser wirt tal-familja, għall-oħrajn jista' jfisser ħbiberija partikulari ma' xi ħadd għażiż; eż ieħor: jekk naraw salib għal xi wħud jista' jfisser sempliċi dekorazzjoni f'ġiżirana, għalina l-Insara huwa s-Sinjal tagħna – is-Salib lil fuqu miet Ġesù Kristu.

- Noqogħdu bilqiegħda waqt l-omelija – sabiex nisimgħu b'attenzjoni u naħsbu – nirriflettu fil-kwiet.

- Noqogħdu bilqiegħda jew għarkupptejna wara t-tqarbin, sabiex fis-skiet, fil-ġabra nagħtu rispett lil Ġesù li rċevejna ġo fina.

- M'għandniex noqogħdu bilqiegħda sabiex norqdu, jew noqogħdu npaċpċu- niftakru li l-quddiesa hija t-talba tal-komunità tal-Insara u mal-komunità; barra minn hekk, id-dar ta' Alla hija dar tat-talb u mhux tat-tpaċpiċ bla bżonn. Kollox għandu ħinu u postu!

**3. Ġenuflessjoni**

- Dan il-ġest nagħmluh billi ninżlu fuq irkoppa waħda u nbaxxu ftit rasna. Dan huwa ġest li juri adorazzjoni u rispett.

- Nagħmlu ġenuflessjoni meta nidħlu fil-knisja quddiem it-Tabernaklu bħala sinjal ta' rispett u adorazzjoni lil Ġesù li jinsab fit-Tabernaklu.

- Il-qassis jagħmel ġenuflessjoni wara l-konsagrazzjoni tal-ħobż u l-inbid bħala sinjal ta' adorazzjoni lejn il-ġisem u d-demm veru ta' Ġesù Kristu, u jerġa' jagħmel ġenuflessjoni oħra lis-Sagrament qabel ma jibda jqarben.



### 4. Ninżlu għarkopptejna

- Li ninżlu għarkopptejna jfisser adorazzjoni, ringrazzjament u rispett lejn Ġesù Ewkaristija.

- Ninżlu għarkopptejna waqt il-konsagrazzjoni, għaliex dak il-ħin Ġesù huwa preżenti, ħaj bil-ġisem u bid-demm. Dan huwa misteru kbir tal-fidi tagħna. Għalhekk meta l-qassis jgħolli l-ostja għandna ninżlu għarkopptejna u nħarsu lejn l-ostja, meta l-qassis jagħmel ġenuflessjoni għandna nbaxxu rasna.

- L-istess nagħmlu meta l-qassis jgħolli l-kalċi – ninżlu jew nibqgħu għarkopptejna u nħarsu lejn il-kalċi, meta l-qassis jagħmel ġenuflessjoni bħala sinjal ta' rispett u adorazzjoni, għandna nbaxxu rasna bħala sinjal ta' rispett, ringrazzjament u adorazzjoni.

### 5. Nagħmlu s-sinjal tas-salib

- Nagħmlu s-sinjal tas-salib fil-bidu u fit-tmiem tal-quddiesa. Meta nagħmlu hekk waqt il-quddiesa nkunu qed insejħu t-Trinità Qaddisa - il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu sabiex flimkien magħhom niċċelebraw din it-talba – din iċ-ċelebrazzjoni Ewkaristika.

- Irroddu s-salib, għaliex niftakru li Ġesù miet fuq is-salib, li permezz tas-salib huwa fdiena u wriena kemm iħobbna.

- Qabel l-qari tal-Evanġelju nagħmlu salib fuq moħħna, salib fuq xofftejna, salib fuq qalbna dan ifisser li nixtiequ li l-Kelma ta' Alla tkun f'moħħna (biex nifhmuha), fuq xofftejna (biex inxandruha) u f'qalbna biex ngħixuha.

## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** **mill-ktieb tas-Salmi, Salm 95: 6**

"Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu, għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!"

Aħseb ftit:

X'messaġġ taħseb li jrid iwassallek dan il-vers minn Salm 95 ?

## Sfida

Meta mmorru l-Knisja, speċjalment waqt il-quddiesa, fil-mumenti ta' silenzju, nagħmlu ħilitna li nitkellmu ma' Ġesù u mhux noqogħdu nitkellmu bejnietna.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb jew pinġi d-djalogu tiegħek ma' Ġesù wara t-tqarbin jew meta tkun quddiem Ġesù waqt l-adorazzjoni.

# Katekeżi Familja

## Naqraw flimkien fil-familja

## Mill-Bibbja: Salm 96 Tifħir lis-Sultan tad-dinja

(Dan is-salm iservi wkoll bħala t-talba tal-familja flimkien)

Għannu lill-Mulej għanja ġdida;
għannu lill-Mulej fl-art kollha!
Għannu lill-Mulej, bierku ismu!
Ħabbru minn jum għal ieħor
is-salvazzjoni tiegħu.

Għax kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru
ħafna,
tal-biża' aktar mill-allat kollha.
Għax kollha frugħa l-allat tal-popli;
Jaħweh hu li għamel is-smewwiet!
Ġmiel u sebħ huma quddiemu,
qawwa u sbuħija fis-santwarju tiegħu.

Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli,
agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa;
agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu!
Ġibulu l-offerti, u idħlu fil-btieħi
tat-tempju tiegħu;
inxteħtu quddiem il-Mulej b'tiżjin qaddis;

Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu,
fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu.
triegħdu quddiemu, nies kollha tal-art!
Għidu fost il-ġnus: "Il-Mulej isaltan!"
Hu jżomm sħiħa d-dinja biex qatt ma
titħarrek;
hu li jiġġudika l-popli bis-sewwa.

Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art,
ħa jħabbat il-baħar u kulma fih,
ħa jifraħ ir-raba' u kulma fih,
u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk
quddiem il-Mulej, għax ġej,
għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art.
Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja,
u mill-popli bis-sewwa tiegħu.

# Ir-Raba' Tema

# Forom Differenti ta' Talb

L-għan ta' din it-tema: li nsiru aktar familjari ma' forom differenti ta' talb.

## Nitgħallmu ngħixu aħjar il-ħajja tagħna ta' Nsara

- It-talb huwa parti mill-ħajja tal-bniedem. Ħafna bnedmin madwar id-dinja, anke ta' reliġjonijiet differenti, iħossu l-bżonn li jitolbu, iħossu l-bżonn li jikkomunikaw ix-xewqat u dak kollu li għaddej minn ħajjithom ma' xi ħadd akbar minnhom.

- Li kieku kellna nżuru pajjiżi differenti madwar id-dinja, naraw nies jitolbu b'lingwi differenti u b'modi differenti wkoll. Per eżempju, f'xi postijiet in-nies jitolbu billi jieħdu sehem fiż-żfin – dan iż-żfin ikun liturġiku, jiġifieri għandu x'jaqsam mal-funzjonijiet u ċelebrazzjonijiet tal-Knisja.



**FTAKAR**

It-talb huwa parti mill-ħajja tal-bniedem.

- Insibu postijiet oħra fejn jitolbu permezz tal-proċessjonijiet, aħna Malta għandna minnhom ukoll.

- Insibu nies li jitolbu billi jitilqu minn pajjiżhom u jagħmlu pellegrinaġġ bħal meta jmorru fl-Art Imqaddsa – Ġersualemm. Hemmhekk imorru biex jaraw, u jimxu fuq il-passi ta' Ġesù; dan kollu jagħmluh f'atmosfera ta' talb. Il-pellegrinaġġ huwa vjaġġ minn post għall-ieħor, pereżempju minn B'Kara għas-Santawarju tal-Madonna tal-Mellieħa, jew għal Għawdex –is-santawarju tal-Madonna ta' Pinu.



- Matul il-vjaġġ, matul il-pellegrinaġġ, in-nies ġeneralment jitolbu r-Rużarju, u jkun hemm xi ħadd li jaqra biċċiet mill-Bibbja. Bosta nies jagħmlu pellegrinaġġ għal Ġerusalemm, għal Lourdes, għal Fatima, għal Pietrelċina sabiex iżuru l-qabar ta' San Piju tal-Pjagi (Padre Piju) u postijiet oħra madwar id-dinja.

- It-talb mhux xi 'show'. Li titlob huwa li titkellem b'mod personali ma' Alla.

- Importanti wkoll li nitolbu mal-komunità u bħala komunità, u dan ukoll mhux xi 'show'.

- Dawn kollha huma modi diversi ta' talb. Flimkien ma' dawn, il-Knisja Kattolika tgħallimna li għandna **ħames forom ta' talb.**

**Dawn huma talb ta':**

- **tifħir,**
- **ringrazzjament,**
- **barka u adorazzjoni,**
- **petizzjoni,**
- **interċessjoni.**



## Mill-Kelma ta' Alla

**Infittxu fil-Bibbja:** **mill-ittra ta' San Pawl lill-Rumani, kap 15: 5-6**

'Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ, jagħtikom il-grazzja li tkunu fehma waħda bejnietkom skont Kristu Ġesù, biex b'fomm wieħed u b'qalb waħda tfaħħru lil Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu.'

Aħseb ftit:

Meta taqra dan il-kliem ta' San Pawl, x'messaġġ qiegħed iwassallek?

## Sfida

Matul din il-ġimgħa erġa' aqra dawn il-ħames forom ta' talb, u kuljum agħżel li titlob b'waħda minn dawn il-forom; bil-mod il-mod, dawn il-forom ta' talb isiru parti minn ħajtek.



# Djarju

Fid-Djarju tiegħek: ikteb jew pinġi talba li tixtieq tgħid lil Ġesù, uża' waħda minn dawn il-ħames forom ta' talb.

**Naqraw flimkien fil-familja:**

**Mill-Bibbja: mill-ktieb tas-Salmi, Salm 8**

**(Dan is-salm jingħad bħala talba flimkien bħala familja)**

Mulej, Sid tagħna,
kemm hu kbir ismek fl-art kollha!
Int qegħedt is-sebħ tiegħek 'il fuq mis-smewwiet.
Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih
fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib;
int, li bnejt sur kontra l-għedewwa,
biex iġġib fix-xejn l-għadu u 'l min iqum kontriek.
Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk,
il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt fihom!

X'inhu l-bniedem biex tiftakar fih,
bin il-bniedem, biex taħseb fih?
Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,
qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta' idejk!
Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:
in-nagħaġ u l-baqar kollha, sa
l-bhejjem tax-xagħri;
l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar, dak kollu
li jterraq fil-baħar.
Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!


JESUS